MT

MT MT

IL-KUMMISSJONI EUROPEA

Brussel 14.7.2010
KUMM(2010)377 finali

2010/0204 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT (UE) Nru …/… TAL-PARLAMENT EUROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar it-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq bejn l-Istati Membri fiż-żona tal-euro

SEG(2010)877
SEG(2010)878

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro ġew introdotti fl-2002 u huma tabilħaqq mezz ta' ħlas pan-Ewropew, li jippermetti liċ-ċittadini Ewropej li jħallsu d-dejn tagħhom f'euro fiż-żona tal-euro kollha, li attwalment tikkonsisti f'16-il Stat Membru. Minħabba f'hekk, żdiedet b'mod konsiderevoli l-ħtieġa ta' trasport transkonfinali tal-flus kontanti bit-triq. Fiż-żona tal-euro, il-banek, is-settur tal-bejjiegħa kbar bl-imnut u dawk li jiġġestixxu l-flus kontanti b'mod professjonali għandhom ikunu kapaċi jikkuntrattaw lill-kumpanija tal-flus kontanti fi tranżitu (CIT) li toffri l-aħjar prezz u/jew servizz, anki jekk tkun illokalizzata transkonfinalment fi Stat Membru ieħor. Dan jippermettilhom jieħdu vantaġġ tal-aktar ċirkwiti effiċjenti (u l-iqsar) ta' ġbir u kunsinna ta' flus kontanti u s-servizzi ta' flus kontanti tal-eqreb fergħa tal-bank ċentrali nazzjonali (BĊN) jew ċentru tal-flus kontanti tas-CIT. Barra minn hekk, numru kbir ta' Stati Membri taż-żona tal-euro għamlu jew jistgħu jkunu jixtiequ li jagħmlu arranġamenti għall-produzzjoni ta' flus tal-karti u muniti barra l-pajjiż. Il-prinċipju nnifsu ta' munità unika jimplika li l-karti tal-flus u l-muniti euro għandhom ikunu kapaċi jiċċirkolaw u għandhom jiġu ttrasportati bl-aktar mod ħieles possibbli bejn l-Istati Membri li adottaw l-euro.

Madankollu, minħabba inkompatibilitajiet bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, fil-maġġoranza tal-każijiet huwa diffiċli għat-trasportaturi professjonali tal-flus kontanti li jċaqalqu l-flus kontanti tal-euro bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro u għaldaqstant ftit wisq iseħħ trasport transkonfinali bl-art. Differenzi regolatorji jikkonċernaw firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet bħall-pussess u l-ġarr ta' armi tan-nar mill-persunal tal-kumpaniji tal-flus kontanti fi tranżitu (CIT), il-modalitajiet ta' trasport awtorizzat, il-protezzjoni u t-tagħmir tal-vetturi CIT, in-numru tal-persunal fil-vetturi, eċċ. Barra minn hekk, l-ostakli regolatorji attwali jimplikaw frammentazzjoni tas-suq uniku f'dan is-settur.

Dawn il-limitazzjonijiet fuq it-trasport professjonali tal-flus kontanti tal-euro għandhom impatt fuq l-effikaċja taċ-ċiklu tal-flus kontanti u fl-aħħar mill-aħħar fuq l-ispiża tal-flus kontanti għad-ditti kummerċjali u ċ-ċittadini. Il-banek u s-settur tal-bejjiegħa bl-imnut għandhom ikunu kapaċi jġibu bl-aktar mod effiċjenti l-flus kontanti tagħhom b'mod transkonfinali fiż-żona tal-euro. It-titjib fil-funzjonament taċ-ċiklu tal-flus kontanti bit-tħaffif ta' provvista effiċjenti transkonfinali ta' flus kontanti huwa kompliment naturali u meħtieġ għall-pjan ta' skadenzi tal-ħidma tal-Bank Ċentrali Ewropew għal aktar konverġenza tas-servizzi tal-flus kontanti tal-BĊN. F'dak ir-rigward, il-benefiċċji ta' inizjattivi tal-Eurosistema bħall-aċċess mill-bogħod għas-servizzi ta' flus kontanti tal-BĊN, li bihom istituzzjoni tal-kreditu fi Stat Membru parteċipanti tista' tuża s-servizzi ta' flus kontanti ta' BĊN fi Stat Membru parteċipanti ieħor, ma jistgħux ikunu sfruttati b'mod sħiħ sakemm is-sitwazzjoni attwali tibqa' kif inhi. Ir-realizzazzjoni tal-pjan ta' skadenzi tal-ħidma tal-BĊE u l-ħolqien ta' żona unika ta' flus kontanti tal-euro huma, ukoll, kumplimentari għas-SEPA – iż-żona unika ta' pagamenti bl-euro – li għandha l-għan li tagħmel il-pagamenti transkonfinali elettroniċi bl-euro faċli daqs il-ħlasijiet domestiċi.

Is-suq tas-CIT huwa organizzat madwar iċ-ċentri tal-flus kontanti, fejn il-vetturi tas-CIT jistgħu jitgħabbew u jinħattu b'mod sikur. Vettura tas-CIT ġeneralment tirritorna lejn iċ-ċentru tal-flus kontanti tal-oriġini tagħha fi tmiem il-jum sabiex tqatta' l-lejl f'post sikur u ż-żona ġeografika li tista' tkun servuta minn ċentru tal-flus kontanti tiddependi fuq id-distanza li vettura tas-CIT tista' ssuq f'jum. Is-suq tas-CIT għandu karattru predominantement lokali u s-suq transkonfinali potenzjali primarjament jikkonċerna r-reġjuni tal-fruntieri bejn l-Istati

Membri taż-żona tal-euro. Dan jindika li rispons tal-politika fil-livell tal-UE m'għandux neċessarjament jinkludi operazzjonijiet purament domestiċi.

Il-Bank Ċentrali Ewropew, is-settur tal-banek u s-settur tal-bejjiegħa kbar bl-imnut ripetutament talbu għat-tnedija ta' inizjattiva immirata lejn it-tneħħija tal-ostakli għat-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq fl-Europa. Il-każ għal tali inizjattiva huwa msaħħaħ aktar bit-tkabbir tal-passat u tal-ġejjieni taż-żona tal-euro.

Għaldaqstant, quddiem dan l-isfond, f'Mejju 2008, il-Kummissjoni tat bidu għal konsultazzjonijiet bil-għan li tniedi mill-ġdid ix-xogħol biex tneħħi l-ostakli regolatorji eżistenti għat-trasport transkonfinali tal-flus kontanti tal-euro u b'hekk tħaffef iċ-ċirkolazzjoni libera tal-euro.

## 2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Bħala l-ewwel pass u biex jintuża t-tagħrif espert u l-input tal-partijiet interessati kollha fis-settur, twaqqaf *Grupp ta' Ħidma dwar it-trasport transkonfinali tal-flus kontanti tal-euro bit-triq* ippresedut mill-Kummissjoni u li fih l-organizzazzjonijiet Ewropej tal-partijiet ewlenin interesessati[1] kollha u li ġie ikkonsultat fl-2008. Dan iddiskuta l-kwistjonijiet ewlenin kollha, bħalma huma r-raġunijiet għal azzjoni fil-livell tal-UE, il-possibiltajiet legali differenti tat-tħaffif tat-trasport transkonfinali tal-flus kontanti, il-firxa ta' regoli komuni potenzjali fil-ġejjieni, id-differenzi bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali u l-potenzjal ta' regoli transkonfinali armonizzati fl-oqsma rilevanti.

Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni adottat White Paper dwar it-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq bejn l-Istati Membri fiż-żona tal-euro[2] fit-18 ta' Mejju 2009 sabiex tniedi proċess ta' konsultazzjoni mifrux ħafna rigward sett ta' regoli komuni previsti għat-trasport transkonfinali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq bejn l-Istati Membri fiż-żona tal-euro. Il-White Paper u t-tweġibiet li l-parti kkonċernata qablet li jiġu ppubblikati huma disponibbli fil-websajt Europa tal-Kummissjoni fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/economy_finance/articles/euro/article15105_en.htm

Wara l-pubblikazzjoni tal-White Paper, twaqqaf *Grupp ta' Esperti dwar it-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq bejn l-Istati Membri fiż-żona tal-euro* li ġie ikkonsultat fl-2009. Il-grupp kien jikkonsisti f'rappreżentanti tal-amministrazzjonijiet rilevanti tal-Istati Membri taż-żona tal-euro. Huwa ddiskuta fid-dettall ir-regoli komuni previsti għat-trasport transkonfinali ta' flus kontanti u kiseb grad għoli ta' kunsens dwar it-test finali tal-proposta tal-Kummissjoni. Il-lista tal-parteċipanti fil-grupp hija mehmuża mal-proposta bħala dokument ta' appoġġ.

---

[1] L-organizzazzjonijiet li ġejjin kienu rrappreżentati: CEA (Federazzjoni Ewropea tal-assigurazzjoni u riassigurazzjoni), CoESS (Konfederazzjoni tas-Servizzi tas-Sigurtà Ewropej), EBF (Federazzjoni Bankarja Ewropea), l-Eurosistema, EPC (Kunsill Ewropew tal-Pagamenti), ESTA (Assoċjazzjoni Ewropea għas-Sigurtà tat-Trasport), EURICPA (Assoċjazzjoni Ewropea tal-Protezzjoni Intelliġenti tal-Flus Kontanti), l-EuroCommerce, Europol (Uffiċċju Ewropej tal-Pulizija), MDWG (Grupp ta' Ħidma tad-Diretturi taz-Zekki) u UNI-Europa (Netwerk Internazzjonali tal-Unjins – l-Ewropa).

[2] COM(2009) 214 finali.

L-imsieħba soċjali ġew ikkonsultati matul il-proċess kollu ta' tħejjija. Huma kienu parti mill-grupp ta' ħidma u sussegwentement ġew ikkonsultati permezz ta' laqgħat bilaterali u kwestjonarju bil-miktub.

Il-partijiet interessati kollha fis-settur jagħrfu li s-suq tal-flus kontanti fi tranżitu attwalment huwa organizzat fuq linji nazzjonali, minħabba d-differenzi bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali. Madankollu, fir-rigward tal-appoġġ għall-inizjattiva, għandha ssir distinzjoni bejn in-naħa tal-fornituri (jiġifieri l-kumpaniji tas-CIT) u n-naħa tad-domanda (jiġifieri l-banek u l-bejjiegħa bl-imnut).

Is-settur bankarju jappoġġja ħafna lil din l-inizjattiva u jsejjaħ għal approċċ ambizzjuż li għandu jwassal għal rotot tat-trasport iqsar u aktar effiċjenti, li jfissru inqas riskju, inqas spejjeż involuti u aktar kompetizzjoni fis-settur. L-organizzazzjoni professjonali tal-kumpaniji tas-CIT laqgħet tajjeb li mhijiex prevista l-armonizzazzjoni totali tat-trasport tal-flus kontanti, iżda tqis li s-sitwazzjoni attwali, ikkaretterizzata minn suq ifframmentat, hija sodisfaċenti minħabba li l-kumpaniji tas-CIT organizzaw ruħhom kif jixraq, fi ħdan il-fruntieri nazzjonali.

L-impjegati fis-settur tas-CIT jenfasizzaw ukoll l-importanza li tkun evitata kompetizzjoni mhux ġusta abbażi ta' pagi u termini u kundizzjonijiet tax-xogħol oħrajn differenti, b'mod partikolari minħabba s-sehem għoli tal-pagi fl-ispejjeż totali tal-kumpaniji tas-CIT. Fuq in-naħa tal-impjegati, it-tħassib ewlieni tat-trejd unjins huwa li fil-ġejjieni, il-leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam m'għandhiex twassal għal tiħżin fil-kundizzjonijiet soċjali iżda bil-kontra għandha tagħti bidu għal moviment lejn l-illivellar 'l fuq tal-pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol oħrajn. L-imsieħba soċjali jaqblu wkoll li f'sitwazzjoni transkonfinali għandha tapplika l-ogħla fost il-pagi tal-Istat Membru tal-oriġini vs. l-Istat Membru ospitanti.

Il-BĊE u l-Eurosistema jagħtu appoġġ sħiħ lill-inizjattiva tal-Kummissjoni minħabba li hija konformi mal-għan strateġiku tagħhom li jiksbu grad għoli ta' konverġenza bejn is-servizzi tal-flus kontanti tal-Banek Ċentrali Nazzjonali. Il-prinċipju adottat ta' aċċess mill-bogħod (jiġifieri li bank għandu jkun jista' jirtira/jpoġġi flus kontanti tal-euro mingħand/għand kwalunkwe BĊN fiż-żona tal-euro), pereżempju, ma jistax jiġi implimentat sakemm ma jkunx hemm possibilità faċli ta' trasport tal-flus kontanti bit-triq b'mod transkonfinali.

L-objettiv ġenerali tal-proposta preżenti tal-Kummissjoni huwa li tiġi ffaċilitata ċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-flus kontanti tal-euro fiż-żona tal-euro billi jitneħħew l-ostakli għat-trasport professjonali tal-flus kontanti tal-euro bit-triq bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro, waqt li tiżgura li t-trasport iseħħ taħt kundizzjonijiet li jipprovdu livell għoli ta' sigurtà għall-persunal tas-CIT u għall-pubbliku ġenerali. Minħabba li s-suq tas-CIT għandu karattru predominantement lokali, l-objettiv ewlieni għandu jkun li jitħaffef it-trasport fiż-żoni tal-fruntiera rilevanti, waqt li d-differenzi fir-regolamenti barra dan l-ispazju ġeografiku fil-prinċipju għandu inqas impatt fuq iċ-ċirkolazzjoni ħielsa tal-euro.

Il-valutazzjoni tal-impatt (IA) ikkunsidrat ħames għażliet wiesgħin biex jinkiseb dan l-objettiv: (1) Xenarju linja bażi ta' ebda bidla; (2) Ftehimiet bilaterali/multilaterali bejn dawk l-Istati Membri li potenzjalment huma l-aktar ikkonċernati mit-trasport transkonfinali; (3) Sett ta' regoli komuni għat-trasport transkonfinali biss; (4) Rikonoxximent reċiproku sħiħ; u (5) Armonizzazzjoni sħiħa tar-regolamentazzjoni tat-trasport tas-CIT kollu. L-IA issib li l-għażliet 1 u 2 ma jkunux effettivi biex ikun issodisfat l-objettiv tat-tħaffif taċ-ċirkolazzjoni libera tal-flus kontanti tal-euro minħabba li jidher improbabbli ħafna li tali ftehimiet jimmaterjalizzaw spontanjament fuq skala kbira, filwaqt li rikonoxximent reċiproku sħiħ u armonizzazzjoni sħiħa tal-mezzi kollha tat-trasport tas-CIT ikunu sproporzjonati meta

mqabbla mal-objettiv iddikjarat u fil-każ ta' rikonoxximent reċiproku sħiħ jista' joħloq riskji importanti għas-sigurtà.

L-analiżi ddettaljata tal-impatti tikkonċerna l-għażla 3: sett ta' regoli komuni għat-trasport transkonfinali. Din l-għażla tissodisfa l-objettiv tat-tħaffif taċ-ċirkolazzjoni libera tal-flus kontanti tal-euro. Barra minn hekk, minħabba li hija limitata għat-trasport transkonfinali, hija ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-objettivi.

Barra minn hekk, tliet subgħażliet huma kkunsidrati: (a) L-estensjoni tal-firxa tar-regoli għall-Istati Membri tal-UE li jinsabu barra ż-żona tal-euro attwali; (b) L-estensjoni tal-firxa għal flus kontanti jew affarijiet prezzjużi oħra; u (ċ) Restrizzjoni tal-firxa għal trasport minn punt sa punt[3] biss.

L-impatti tar-regoli komuni jiddependu ħafna fuq id-daqs tas-suq potenzjali u kemm jista' jitwettaq. Sabiex tinġabar informazzjoni dwar is-suq attwali tas-CIT u biex ikun stmat id-daqs tas-suq potenzjali għat-trasport transkonfinali tal-flus kontanti bit-triq, li kieku jitneħħew l-ostakli regolatorji attwali għal tali trasport, tnieda studju estern, li huwa disponibbli fil-websajt tal-Kummissjoni[4].

L-istudju juri li waqt li s-suq transkonfinali huwa limitat mid-definizzjoni, hemm il-potenzjal għal żieda sinifikanti fit-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq, kemm fuq medda twila kif ukoll fuq medda qasira ta' żmien, jekk l-ostakli regolatorji jitneħħew bl-introduzzjoni ta' sett ta' regoli komuni transkonfinali.[5]

It-tħaffif tat-trasport transkonfinali tal-flus kontanti probabbilment jipproduċi wkoll xi benefiċċji ambjentali, minħabba trasport ġeneralment iqsar.

Madankollu, żieda sinifikanti fit-trasport transkonfinali jista' jkollha wkoll effetti soċjali negattivi fl-Istati Membri ospitanti. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-effett potenzjali fuq il-livelli tal-pagi u/jew l-impjiegi fis-settur tas-CIT fi Stat Membru ospitanti partikolari, jekk hemm differenzi sinifikanti fis-salarji meta mqabbla ma' dawk fl-Istati Membri ġirien. Il-valutazzjoni tal-impatt turi li jidher li jeżistu differenzi sinifikanti f'xi każijiet bejn xi Stati Membri ġirien fiż-żona tal-euro. Barra minn hekk, id-differenzi fis-salarji huma sostanzjali ħafna bejn xi wħud mill-Istati Membri li s'issa għadhom m'adottawx l-euro u l-ġirien tagħhom fiż-żona tal-euro. Waqt li ġeneralment l-Istati Membri m'għandhomx jinżammu milli jużaw il-vantaġġi komparattivi tagħhom, madankollu jidher li huwa ġġustifikat, sabiex ikun immitigat l-impatt soċjali potenzjali fl-Istat Membru ospitanti, li tkun żgurata protezzjoni

---

[3] Hemm trasport ta' kwantitajiet ta' flus kontanti bil-kwantità bejn iċ-ċentri tal-flus kontanti li jitwettaq direttament minn punt sa punt mingħajr waqfiet intermedjarji (pereżempju minn fergħa tal-BĊN għal ċentru tal-flus kontanti tas-CIT. Dan it-trasport ma jservix klijenti finali u l-kwantitajiet ġeneralment huma kbar.

[4] Ara http://ec.europa.eu/economy_finance/articles/euro/2010-02-26-cross-border-cash_en.htm

[5] L-istudju jistma li s-suq potenzjali fuq medda twila ta' żmien, jekk wieħed jassumi li jitneħħew l-ostakli kollha għat-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq, ikun jammonta għal madwar 2.6 % tas-suq totali (imfissra f'termini tal-valur tal-flus kontanti tal-euro kollha ordnati mill-kumpaniji tas-CIT), li jkunu jikkorrispondu għal madwar 77 000 trasport transkonfinali (trasport ifisser vettura tas-CIT li taqsam il-fruntiera darbtejn; darba fuq il-vjaġġ 'il barra u darba fuq il-vjaġġ lura) li potenzjalment jitwettqu kull sena fil-11-il pajjiż taż-żona euro li għandhom fruntieri fuq l-art ma' pajjiżi oħrajn fiż-żona euro.

minima għall-ħaddiema f'konformità mal-prinċipji tad-Direttiva 96/71/KE eżistenti dwar l-impjieg tal-ħaddiema. Din id-Direttiva għandha l-għan li tipprovdi protezzjoni minima li trid tkun osservata fl-Istat Membru ospitanti mis-sidien li jimpjegaw il-ħaddiema biex iwettqu xogħol temporanju hemmhekk.

Madankollu, minħabba l-karattru speċifiku tas-servizzi tat-trasport tas-CIT, b'mod partikolari minħabba n-natura frekwenti u ta' medda qasira ta' żmien tal-perjodi tax-xogħol potenzjali barra l-pajjiż u s-sitwazzjonijiet kuntrattwali differenti, hemm il-ħtieġa li tkun prevista applikazzjoni analoga tad-Direttiva għas-servizzi kollha ta' trasport transkonfinali ta' flus kontanti. Għaldaqstant, il-proposta tinkludi xi dispożizzjonijiet speċifiċi sabiex toħloq ċertezza legali għall-operaturi kkonċernati u tiżgura l-applikabilità prattika tad-Direttiva fis-settur tas-CIT. Dawn b'mod partikolari jistabbilixxu li ħaddiema tas-CIT transkonfinali għandhom ikunu ggarantiti protezzjoni minima limitata għar-rati minimi tal-ħlas rilevanti, inklużi r-rati tas-sahra, tal-Istat Membru ospitanti skont id-Direttiva. Barra minn hekk, sabiex ikunu evitati kalkoli prorata kkumplikati, dawn ir-rati għandhom ikunu ggarantiti għal jum sħiħ tax-xogħol, anki jekk il-ħaddiem iqatta' biss parti mill-jum tax-xogħol barra l-pajjiż. Fil-każ li jista' jkun previst mill-kuntratti, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti kif ukoll arranġamenti prattiċi li l-ħaddiem iwettaq trasport transkonfinali għal aktar minn 100 jum tax-xogħol f'sena kalendarja fi Stat Membru ieħor, il-protezzjoni minima għandha madankollu tkopri wkoll l-affarijiet oħrajn elenkati fid-Direttiva.

Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tas-CIT, il-proposta tipprevedi wkoll regoli li huma differenti mir-regoli ġenerali fis-settur tat-trasport fir-rigward tal-kabotaġġ. Waqt li l-proposta tipprevedi li t-trasport tas-CIT għandu jirritorna lejn l-Istat Membru tal-oriġini tiegħu fl-istess jum li jkun telaq, ma huwa previst l-ebda limitu għall-għadd ta' kunsinni/ġabriet ta' flus kontanti minħabba li vettura tas-CIT li tkun qed twettaq tali servizzi lill-banek u l-bejjiegħa bl-imnut f'jum tista' tagħmel għadd kbir (pereżempju 20) ta' waqfiet bħal dawn.

Barra minn hekk, il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati uriet li sabiex jitqiesu l-kwistjonijiet relatati mas-sigurtà jew kwistjonijiet sensittivi oħra, huwa meħtieġ li jkunu previsti ċerti restrizzjonijiet għall-firxa ta' regoli komuni tal-UE kif ukoll xi possibilitajiet għal eċċezzjonijiet u derogi nazzjonali. Dawn jikkonċernaw erba' kwistjonijiet ewlenin: (i) Regoli nazzjonali rigward il-ġarr tal-armi mill-persunal tas-CIT jibqgħu kompletament fis-seħħ; (ii) Numru ta' tipi ta' trasport tas-CIT huma stabbiliti, bil-possibilità ta' deroga għall-Istati Membri individwali; (iii) Restrizzjoni tal-firxa tat-trasport transkonfinali għal jum wieħed u fid-dawl tax-xemx, li jfisser li l-vettura tas-CIT għandha titlaq u tirritorna lura lejn l-Istat Membru tal-oriġini tagħha fl-istess jum u li t-trasport għandu jitwettaq fid-dawl tax-xemx; (iv) Il-parti l-kbira tal-kunsinni/ġabriet magħmula minn vettura tas-CIT matul il-jum iridu jsiru fit-territorju tal-Istat(i) Membru/Membri ospitanti.

L-analiżi uriet li għalkemm dawn l-għażliet jistgħu jimplikaw tnaqqis fis-suq transkonfinali potenzjali, huma mhumiex mistennija joħolqu ostakli maġġuri għat-trasport transkonfinali u fil-każijiet kollha l-proposta tipprevedi soluzzjonijiet li jħaffu t-trasport transkonfinali (kaxxa forti għall-armi fil-vettura li tista' tinfetaħ biss minn kontrollur mill-bogħod, għażliet ta' trasport standardizzati, rikonoxximent ta' taħriġ bl-armi ekwivalenti eċċ.).

Fir-rigward tas-subgħażliet, il-konklużjoni hija li r-regoli komuni għandhom japplikaw ukoll għat-territorju tal-Istati Membri tal-UE li mistennija jintroduċu l-euro mid-data tad-deċiżjoni tal-Kunsill li jneħħi d-deroga tagħhom milli jipparteċipaw fl-euro. Dan huwa ġġustifikat mill-fatt li hemm ħtieġa akbar għat-trasport tal-flus kontanti tal-euro fit-tħejjija għall-bidla.

L-estensjoni tal-firxa għal flus kontanti oħra ma tikkontribwixxix għall-objettiv iddikjarat tal-inizjattiva iżda tissodisfa l-objettivi ġenerali tal-UE u tista' żżid l-effikaċja billi tnaqqas l-ispejjeż. Madankollu, tista' wkoll tikkomplika l-proċess tal-adozzjoni ta' regoli komuni għal valur miżjud relattivament baxx. Ir-restrizzjoni tal-firxa għal trasport punt sa punt tnaqqas b'mod sinifikanti l-benefiċċju ta' regoli komuni billi teskludi l-maġġoranza kbira tat-trasport f'termini ta' kilometri misjuqa, sigħat maħduma u postijiet tal-flus kontanti moqdijin. Għal dawn ir-raġunijiet, dawn is-subgħażliet mhumiex inklużi fil-proposta.

Finalment, huwa propost li jitwaqqaf Kumitat dwar it-trasport transkonfinali tal-flus kontanti tal-euro sabiex jissorvelja l-implimentazzjoni tar-regoli komuni transkonfinali. Hija wkoll prevista analiżi formali b'rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tar-regoli komuni.

## 3. SPJEGAZZJONI TAL-ELEMENTI EWLENIN TAS-SISTEMA PROPOSTA

Ir-Regolament propost jistabbilixxi sett ta' regoli komuni għat-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro fiż-żona tal-euro. Huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' liċenzja tas-CIT transkonfinali speċifika li se tingħata mill-Istat Membru tal-oriġini lil kumpaniji tas-CIT li jixtiequ jittrasportaw b'mod transkonfinali l-flus kontanti tal-euro. Huma previsiti seba' tipi differenti ta' mezzi ta' trasport awtorizzati – ħamsa għat-trasport tal-karti tal-flus u tnejn għat-trasport tal-muniti – bil-potenzjal għall-Istati Membri li jiksbu deroga minn għażliet speċifiċi għat-territorju tagħhom.

Fir-rigward tal-firxa, l-elementi li ġejjin huma sinifikanti:

- Ir-Regolament propost japplika għat-trasport professjonali tal-flus kontanti tal-euro bit-triq bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro. Huwa previst ukoll li t-territorju tal-Istati Membri li għadhom ma introduċewx l-euro huwa kopert mir-Regolament mid-data tad-deċiżjoni tal-Kunsill li jneħħi d-deroga tagħhom milli jipparteċipaw fl-euro. L-estensjoni tal-firxa tar-Regolament hija s-suġġett ta' Regolament propost separatament.
- Ir-Regolament propost sejjer japplika għall-hekk imsejjaħ trasport punt sa punt (jiġifieri trasport minn post wieħed sikur għal post sikur ieħor mingħajr waqfiet intermedjarji) kif ukoll għall-hekk imsejjaħ trasport ta' flus kontanti għal bejjiegħa bl-imnut (trasport b'waqfiet multipli li jservi l-klijenti finali).
- Għat-trasport ta' flus kontanti għal bejjiegħa bl-imnut, il-maġġoranza tal-waqfiet iseħħu fl-Istat(i) Membru/Membri ospitanti, filwaqt li m'hemmx limitu għan-numru ta' waqfiet li jistgħu jsiru fl-Istat Membru tal-oriġini jew l-Istat Membru ospitanti.
- Bħala regola, it-trasport irid jitwettaq binhar, b'eċċezzjonijiet previsti għat-trasport punt sa punt;
- Il-vettura tas-CIT trid tirritorna fl-Istat Membru tal-oriġini fl-istess jum.

*Il-liċenzja trasnkonfinali tas-CIT*

Il-kumpaniji tas-CIT li jixtiequ jwettqu t-trasport transkonfinali tal-flus kontanti skont it-termini tar-Regolament iridu japplikaw għal liċenzja speċifika mingħand l-awtorità li tagħti l-liċenzji tal-Istat Membru tal-oriġini tagħhom. Biex tikseb il-liċenzja, il-kumpanija, il-maniġment u l-persunal tagħha jridu jissodisfaw ċertu numru ta' kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament. Fil-każ ta' ksur tar-regoli, is-setgħa sanzjonarja tappartjeni għall-awtorità li

tagħti l-liċenzji, jiġifieri l-awtorità tal-Istat Membru tal-oriġini. Madankollu, is-setgħat ta' salvagwardja huma mogħtija lill-Istat Membru li jgħaddu minnu jew l-Istat Membru ospitanti fil-każ ta' emerġenza jew ksur ċar tar-regoli (pereżempju ma jkunx irrispettat in-numru minimu tal-persunal, ksur tar-regoli dwar il-ġarr tal-armi eċċ.). Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom id-dover ta' informazzjoni reċiproka rigward dawn l-aspetti kollha.

*Tipi ta' trasport awtorizzati*

Għall-karti tal-flus, il-ħames tipi ta' trasport li ġejjin sejrin jiġu awtorizzati għat-trasport transkonfinali tal-flus kontanti:

- It-trasport ta' karti tal-flus f'vettura mhux korazzata ta' dehra ordinarja mgħammra b'sistema għan-newtralizzazzjoni tal-karti tal-flus (IBNS);
- It-trasport tal-karti tal-flus f'vettura mhux korazzata b'marki ċari li jindikaw li hija mgħammra bl-IBNS;
- It-trasport ta' karti tal-flus f'vettura bil-kabina korazzata mgħammra bl-IBNS;
- It-trasport ta' karti tal-flus f'vettura korazzata għal kollox mhux mgħammra bl-IBNS;
- It-trasport ta' karti tal-flus f'vettura korazzata għal kollox mgħammra bl-IBNS.

Għall-muniti, iż-żewġ tipi ta' trasport li ġejjin huma previsti:

- It-trasport ta' muniti f'vettura mhux korazzata;
- It-trasport ta' muniti f'vettura bil-kabina korazzata.

Fil-każijiet kollha, irid ikun hemm mill-inqas żewġ impjegati tas-sigurtà fil-vettura, ħlief għat-trasport f'vettura kompletament korazzata mingħajr IBNS meta huma meħtieġa tliet impjegati tas-sigurtà.

L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jagħlqu l-użu ta' ċerti għażliet għat-territorju tagħhom sakemm huma jaċċettaw mill-inqas waħda mill-għażliet elenkati hawn fuq għall-karti tal-flus u waħda mill-għażliet elenkati hawn fuq għall-muniti u sakemm ma jippermettux mezzi tat-trasport komparabbli għat-trasport domestiku tas-CIT.

*Applikazzjoni tar-regoli nazzjonali*

F'oqsma partikolarment sensittivi mill-perspettiva tas-sigurtà, ir-regoli nazzjonali sejrin ikomplu japplikaw. Dawn l-oqsma jikkonċernaw il-ġarr u l-użu tal-armi, ir-relazzjoni mal-forzi tal-pulizija u r-regoli li jirregolaw l-imġiba tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT barra mill-vettura tas-CIT kif ukoll is-sigurtà tal-postijiet fejn il-flus kontanti jkunu kkunsinnati jew miġbura.

## 4. ASPETTI LEGALI

L-Artikolu 133 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Europea jiddikjara li '... il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, waqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa għall-użu tal-euro bħala munita unika. …'. Isegwi minn dan l-Artikolu li l-UE għandha d-dritt, u fil-fatt id-dover, li twettaq il-miżuri meħtieġa biex tiżgura ċ-ċirkolazzjoni libera u effiċjenti tal-flus kontanti tal-euro minħabba li l-qagħda attwali toħloq ostakli għat-trasport transkonfinali tal-euro u għaldaqstant għall-użu tagħha.

L-alternattiva għal azzjoni fil-livell tal-UE tkun il-ftehimiet bilaterali volontarji bejn l-Istati Membri jew anki l-ftehimiet multilaterali. Madankollu, l-azzjoni fil-livell tal-UE ġġib magħha ekonomiji ta' skala importanti meta mqabbla mal-azzjoni bilaterali jew multilaterali. Azzjoni fil-livell tal-UE biss tippermetti li jitqies it-tkabbir fil-ġejjieni taż-żona tal-euro minħabba li r-regoli tal-UE għat-trasport transkonfinali jistgħu jintużaw minn kwalunkwe Membru Stat ġdid li jipparteċipa, li mhuwiex il-każ bil-ftehimiet bilaterali/multilaterali.

Barra minn hekk, għalkemm teżisti d-domanda, kif imfissra b'mod partikolari mis-settur tal-banek, l-Istati Membri s'issa għadhom ma kkonkludewx ftehimiet li jħaffu t-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti wara aktar minn tmien snin mill-introduzzjoni tal-flus kontanti tal-euro. Dan jissuġġerixxi li l-azzjoni tal-UE hija fil-prattika l-unika mezz possibbli biex ikunu rrikonċiljati s-sistemi regolatorji diverġenti (attwalment 16 fin-numru), li jkopru firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet kumplessi meta jkun hemm interazzjoni bejn il-kwistjonijiet tas-sigurtà u l-kunsiderazzzjonijiet tas-suq tax-xogħol.

Azzjoni fil-livell tal-UE hija għaldaqstant f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Il-proposta hija limitata għat-trasport transkonfinali tal-flus kontanti, li huma dawk affettwati mis-sistemi regolatorji nazzjonali differenti, waqt li trasport purament domestiku mhuwiex inkluż fil-firxa tagħha. B'hekk hija qed tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. L-istrument ta' Regolament huwa meħtieġ sabiex ikun żgurat li r-regoli nazzjonali differenti jinbidlu b'sett ta' regoli verament komuni għat-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq fiż-żona tal-euro.

2010/0204 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT (UE) Nru …/… TAL-PARLAMENT EUROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar it-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq bejn l-Istati Membri fiż-żona tal-euro**

IL-PARLAMENT EUROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EUROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Europea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Europea[6],

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Bank Ċentrali Europew[7],

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-introduzzjoni tal-euro żiedet b'mod konsiderevoli l-ħtieġa ta' trasport transkonfinali tal-flus kontanti bit-triq. Fiż-żona tal-euro, il-banek, is-settur tal-bejjiegħa kbar bl-imnut u dawk li jiġġestixxu l-flus kontanti b'mod professjonali għandhom ikunu kapaċi jikkuntrattaw lill-kumpanija tal-flus kontanti fi tranżitu (CIT) li toffri l-aħjar prezz u/jew servizz u li jieħdu vantaġġ mis-servizzi ta' flus kontanti tal-eqreb fergħa tal-bank ċentrali nazzjonali (BĊN) jew ċentru tal-flus kontanti tas-CIT, anki jekk tkun illokalizzata fi Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, numru kbir ta' Stati Membri li jipparteċipaw fit-tielet stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja (minn hawn 'il quddiem imsejħin 'Stati Membri parteċipanti') għamlu jew jistgħu jkunu jixtiequ li jagħmlu arranġamenti għall-produzzjoni ta' karti tal-flus u muniti barra l-pajjiż. Il-prinċipju nnifsu ta' munità unika jimplika l-ħelsien li l-flus kontanti jiċċaqilqu bejn l-Istati Membri parteċipanti.

(2) Minħabba d-differenzi evidenti bejn il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali, ġeneralment huwa diffiċli ħafna li jitwettaq trasport transkonfinali

6 ĠU C , , pġ. .

7 ĠU C , , pġ. .

professjonali ta’ flus kontanti tal-euro bit-triq bejn l-Istati Membri parteċipanti. Din is-sitwazzjoni hija f’kontradizzjoni mal-prinċipju taċ-ċirkolazzjoni libera tal-munita unika u għad-detriment tal-prinċipju tal-libertà li tipprovdi s-servizzi, li hija waħda mill-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Europea.

(3) Dan ir-Regolament huwa t-tweġiba għall-preżentazzjoni potenzjali tal-istrumenti ta’ armonizzazzjoni għat-trasport tal-flus kontanti kif imfissra fl-Artikolu 38(b) tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern.

(4) Minħabba l-perikli partikolari għas-saħħa u l-ħajja tal-persunal tas-CIT u l-pubbliku ġenerali li huma assoċjati mal-attività tat-trasport tal-flus kontanti, huwa xieraq li t-trasport transkonfinali tal-flus kontanti jsir soġġett għal liċenzja speċifika transkonfinali tas-CIT. Din il-liċenzja għandha tiġi apparti l-liċenzja nazzjonali tas-CIT li hija meħtieġa fil-maġġoranza tal-Istati Membri parteċipanti, li dan ir-Regolament ma jarmonizzax. Fil-ftit Stati Membri li m’għandhomx proċedura ta’ approvazzjoni speċifika għall-kumpaniji tas-CIT li tmur lil hinn mir-regoli ġenerali għas-setturi tas-sigurtà jew tat-trasport, u sabiex tiżdied il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, huwa għaldaqstant xieraq li l-kumpaniji tas-CIT stabbiliti f’dawn l-Istati Membri għandhom juru livell miminu ta’ esperjenza ta’ tnax-il xahar ta’ trasport regolari ta’ flus kontanti fl-Istat Membru fejn huma stabbiliti mingħajr ksur tal-leġiżlazzjoni nazzjonali qabel ikunu jistgħu jingħataw liċenzja transkonfinali minn dan l-Istat Membru.

(5) Biex ma jinħolqux obligazzjonijiet doppji jew multipli u biex jiġi evitat il-ħolqien ta' proċedura li tkun aktar diffiċli milli hemm bżonn, huwa wkoll xieraq li jiġi previst li detentur ta' liċenzja transkonfinali tas-CIT ma jintalabx li jkollu fil-pussess tiegħu liċenzja Komunitarja għall-ġarr internazzjonali ta' oġġetti bit-triq kif jistabbilixxi r-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija[8].

(6) It-trasport transkonfinali professjonali ta’ flus kontanti tal-euro bit-triq bejn l-Istati Membri parteċipanti jrid ikun kompletament konformi mar-regoli ta’ dan ir-Regolament jew irid ikun kompletament konformi mal-leġiżlazzjonijiet rispettivi tal-Istat Membru tal-oriġini, tal-Istat Membru ospitanti u, jekk applikabbli, tal-Istat Membru li jgħaddi minnu.

(7) Dan ir-Regolament huwa mfassal biex jippermetti t-trasport transkonfinali professjonali ta’ flus kontanti tal-euro bit-triq bejn l-Istati Membri parteċipanti taħt kundizzjonijiet li jiggarantixxu s-sigurtà tat-transazzjoni, is-sikurezza tal-persunal involut u tal-pubbliku u tal-moviment liberu tal-munita.

---

8 ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72.

(8) Minħabba l-kundizzjonijiet speċifiċi tas-settur tas-CIT, huwa diffiċli li torganizza b'mod sikur kunsinni tal-flus kontanti fuq diversi jiem. Għaldaqstant, huwa xieraq li l-vettura li twettaq it-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq għandha tirritorna lejn l-Istat Membru tal-oriġini tagħha fl-istess jum li titlaq minnu.

(9) F'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta biex timmodifika d-definizzjoni ta' 'binhar' u/jew tat-tul minimu meħtieġ ta' taħriġ inizjali *ad hoc* fil-każ li l-imsieħba soċjali fil-livell tal-Unjoni jaqblu bejniethom li definizzjoni oħra hija aktar xierqa.

(10) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, in-numru ta' operazzjonijiet li jistgħu jitwettqu fl-Istat Membru ospitanti wara li l-ġarr internazzjonali minn Stat Membru ieħor jiġi limitat għal tliet operazzjonijiet ta' kabotaġġ fi żmien sebat ijiem. Madankollu, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tas-CIT, hija prattika normali li vettura tas-CIT tista' twettaq numru ferm akbar ta' kunsinni/ġabriet ta' flus kontanti kull jum. Għaldaqstant huwa xieraq li ssir deroga mir-Regolament (KE) 1072/2009 billi ma jkun impost l-ebda limitu għall-għadd ta' ġabriet/kunsinni ta' flus kontanti li vettura tas-CIT tista' twettaq f'pajjiż ospitanti matul jum.

(11) L-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali li jirregolaw l-imġiba tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT barra l-vettura u li jirregolaw is-sigurtà tal-postijiet ta' kunsinna/ġabra ta' flus kontanti mhijiex maħsuba biex tkopri l-użu potenzjali ta' sistemi ta' newtralizzazzjoni tal-karti tal-flus f'kombinazzjoni mat-trasport ta' karti tal-flus f'vettura korazzata għal kollox mhux mgħammra bl-IBNS.

(12) Meta wieħed jiftakar li l-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi jkopri s-sitwazzjonijiet ta' impjiegi meta impriża tipprovdi servizzi transnazzjonali billi taġixxi f'isimha stess u taħt id-direzzjoni tagħha stess skont kuntratt konkluż bejn l-intrapriża u l-parti li għaliha huma maħsuba s-servizzi.

(13) Meta wieħed iqis in-natura speċifika tas-servizzi tat-trasport tas-CIT, hemm il-ħtieġa li tkun prevista applikazzjoni analoga tad-Direttiva 96/71/KE għas-servizzi kollha ta' trasport transkonfinali ta' flus kontanti sabiex tingħata ċertezza legali għall-operaturi u tkun żgurata l-applikabilità prattika tad-Direttiva f'dan is-settur.

(14) Minħabba l-ispeċifiċità tal-attivitajiet tat-trasport ikkonċernat u l-karattru okkażjonali ta' wħud minn dawn l-attivitajiet, l-applikazzjoni analoga tar-regoli minimi ta' protezzjoni stabbiliti fl-Artikolu 3(1) għandhom jiġu limitati għar-rati minimi tal-ħlas, inklużi r-rati tas-sahra, kif imsemmija fl-Artikolu 3(1)(c) tad-Direttiva u dawn għandhom ikunu ggarantiti għat-tul tal-jum tax-xogħol kollu sabiex ma jkunx impost piż amministrattiv mhux meħtieġ fuq l-operaturi. Jekk isegwi mill-kuntratt, minn regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi kif ukoll minn arranġamenti prattiċi ta' ħaddiem tas-CIT li huwa sejjer iwettaq trasport transkonfinali għal aktar minn 100 jum tax-xogħol tul sena kalendarja fi Stati Membru ieħor, huwa xieraq li

r-regoli minimi ta' protezzjoni stabbiliti fid-Direttiva għandhom b'analoġija japplikaw bis-sħiħ għal dan il-ħaddiem.

(15) L-applikazzjoni tar-regoli minimi ta' protezzjoni fl-Istat Membru ospitanti għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg li huma l-aktar favorevoli għall-ħaddiem skont il-liġi, il-ftehim kollettiv jew il-kuntratt tal-impjieg tal-Istat Membru tal-oriġini tal-ħaddiem.

(16) Bil-għan li jkunu stabbiliti r-regoli minimi ta' protezzjoni rilevanti, huwa xieraq li d-dispożizzjonijiet dwar koperazzjoni fl-informazzjoni fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 96/71/KE għandha tapplika b'analoġija. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom il-kooperattiva amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni previsti fid-Direttiva 96/71/KE.

(17) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-UE dwar il-flus kontanti li jidħlu jew joħorġu mill-Komunità[9].

(18) Ir-Regolament attwali jirreferi għal regoli tekniċi u standards għall-IBNS, il-korazzar tal-vettura, il-kaxxiforti u l-ġkieket kontra l-balal. Huwa xieraq li tkun prevista proċedura ta' delegazzjoni tas-setgħat mill-Parlament Europew u l-Kunsill lill-Kummissjoni għall-emendar ta' dawn ir-regoli sabiex jitqies il-progress teknoloġiku u standards Ewopew ġodda potenzjali.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## TAQSIMA 1: REGOLI KOMUNI LI JIRREGOLAW IT-TRASPORT TRANSKONFINALI KOLLU TAL-FLUS KONTANTI TAL-EURO BIT-TRIQ

### *Artikolu 1 - Definizzjonijiet*

(a) "It-trasport transkonfinali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq" tfisser it-trasport professjonali, jew bi ħlas f'isem partijiet terzi jew imwettqa fi ħdan kumpanija ta' flus kontanti fi tranżitu (minn hawn 'il quddiem imsejħa CIT), b'vettura bit-triq ta' karti tal-flus u/jew muniti minn 'Stat Membru parteċipanti', kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 mal-introduzzjoni tal-euro[10] biex jiġu fornuti karti tal-flus u/jew muniti tal-euro lil, jew jinġabru mingħand, post wieħed jew aktar fi Stat(i) Membru/Membri parteċipanti wieħed jew aktar, kif ukoll fl-Istat Membru tal-oriġini. Għallinqas il-maġġoranza tal-għadd tal-kunsinni/ġabriet ta' flus kontanti magħmula minn vettura tas-CIT matul il-jum iridu, barra minn hekk, jitwettqu fit-territorju tal-Istat(i) Membru/Membri ospitanti sabiex it-trasport jitqies

---

[9] Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar kontrolli ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità, ĠU L 309, 25.11.2005, pġ.9.

[10] ĠU L 139, 11.5.1998, pġ.1.

bħala transkonfinali skont it-termini ta' dan ir-Regolament. Trasport minn punt sa punt jitqies bħala transkonfinali jekk it-trasport iseħħ bejn żewġ Stati Membri parteċipanti differenti.

(b) "Liċenzja transkonfinali tas-CIT" tfisser liċenzja mogħtija mill-awtorità li tagħti l-liċenzji tal-Istat Membru tal-oriġini u li tawtorizza lid-detentur li jwettaq trasport transkonfinali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq bejn Stati Membri parteċipanti skont il-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament.

(c) "Awtorità li tagħti l-liċenzji" tfisser l-awtorità fl-Istat Membru tal-oriġini nkarigata mill-ħruġ tal-liċenzji transkonfinali tas-CIT.

(d) "Stat Membru tal-oriġini" tfisser l-Istat Membru parteċipanti li fit-territorju tiegħu tkun stabbilita l-kumpanija tas-CIT. Il-kumpanija tas-CIT titqies li hija stabbilita jekk tkun attwalment qed issegwi attività ekonomika, kif indikat fl-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-UE, għal perjodu indefinit permezz ta' infrastruttura stabbli minn fejn jitwettaq in-negozju tal-forniment tas-servizzi.

(e) "Stat Membru ospitanti" tfisser Stat Membru parteċipanti li fih il-kumpanija tas-CIT tipprovdi s-servizz ta' kunsinna u/jew ġbir ta' flus kontanti u li huwa differenti mill-Istat Membru tal-oriġini.

(f) "Stat Membru li jgħaddu minnu" tfisser Stat(i) Membru/Membri parteċipanti wieħed jew diversi għajr l-Istat Membru tal-oriġini tal-kumpanija li l-vettura bi flus kontanti fi tranżitu trid tgħaddi minnu sabiex tasal fl-Istat(i) Membru/Membri ospitanti jew biex tiġi lura lejn l-Istat Membru tal-oriġini.

(g) "binhar" tfisser it-trasport imwettaq bejn is-6:00 u l-22:00.

(h) "Persunal tas-sigurtà tas-CIT" tfisser l-impjegati mogħtija struzzjonijiet biex isuqu vettura li fiha jinġarru l-flus kontanti jew biex jipproteġu dak li hemm fiha.

(i) "Vettura tas-CIT" tfisser vettura użata għat-trasport professjonali ta' flus kontanti bit-triq.

(j) "Vettura ordinarja" tfisser vettura tas-CIT li għandha dehra normali u li m'għandhiex fuqha sinjali distintivi li jindikaw li tappartjeni għal kumpanija tas-CIT jew li tintuża għall-finijiet ta' trasport ta' flus kontanti.

(k) "Trasport minn punt sa punt" tfisser trasport minn post wieħed sikur għal post sikur ieħor, mingħajr l-ebda waqfa intermedjarja.

(l) "Żona sikura" tfisser punt ta' ġbir u/jew kunsinna ta' flus kontanti lokalizzat f'bini u sikur kontra aċċess mhux awtorizzat f'termini ta' tagħmir (sistemi kontra l-intrużjoni) kif ukoll ta' proċeduri ta' aċċess għall-persuni.

(m) "Post sikur" tfisser post f'żona sikura, li huwa aċċessibbli għall-vetturi u li fih il-vetturi jistgħu jitgħabbew jew jinħattu b'mod sikur.

(n) "Sistema intelliġenti għan-newtralizzazzjoni tal-karti tal-flus (IBNS)" tfisser sistema li tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

– il-kontenitur tal-karti tal-flus kontinwament jipproteġi l-karti tal-flus permezz ta' sistema ta' degradazzjoni tal-flus kontanti minn żona sikurà għall-punt tal-kunsinna tal-flus kontanti jew mill-punt ta' ġbir tal-flus kontanti sa żona sikura;

– il-persunal tas-sigurtà tas-CIT mhuwiex kapaċi jiftaħ il-kontenitur barra l-perjodi tal-ħin u/jew il-postijiet ipprogrammati minn qabel jew li jibdel il-perjodi tal-ħin u/jew il-postijiet ipprogrammati minn qabel meta/fejn il-kontenitur jista' jinfetaħ ladarba tkun inbdiet l-operazzjoni tat-trasport tal-flus kontanti;

– il-kontenitur huwa mgħammar b'mekkaniżmu biex jinnewtralizza b'mod permanenti l-karti tal-flus jekk isir xi tentattiv mhux awtorizzat biex jinfetaħ il-kontenitur;

– l-IBNS tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III għal dan ir-Regolament. Karta tal-flus hija nnewtralizzata meta tkun immutilata jew issirilha ħsara billi tiġi mtebba' jew b'mezzi oħrajn kif speċifikat aktar fl-Anness III.

(o) "IBNS tarf ma' tarf" tfisser IBNS li hi, b'żieda, mgħammra għal użu tarf ma' tarf, li jfisser li l-karti tal-flus jibqgħu mhux aċċessibbli għall-persunal tas-CIT matul il-ħin kollu u huma protetti kontinwament minn sistema ta' degradazzjoni tal-flus kontanti minn żona sikura għal żona sikura jew, għall-cassettes tal-Automated Teller Machines (ATMs), minn żona sikura sal-intern tal-ATM.

(p) ) Il-livelli tal-lingwa "A1" u "B1" ifissru l-livelli stabbiliti mill-Qafas Komuni Europew ta' Referenza għal-Lingwi tal-Kunsill tal-Europa.

(q) "Lingwa rilevanti" tfisser il-lingwa(i) użata(i) mill-awtoritajiet lokali u l-popolazzjoni fiż-żoni fejn iseħħ it-trasport tas-CIT.

(r) "Lingwi uffiċjali tal-UE" tfisser il-lingwi kif iddefiniti fir-Regolament Nru 1 li jiddetermina l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Europea[11].

*Artikolu 2 - Esklużjonijiet*

1. It-trasport tal-karti tal-flus u tal-muniti tal-euro li jitwettaq f'isem jew bejn il-Banek Ċentrali, l-istamperiji ta' karti tal-flus u/jew iz-Zekek tal-Istati Membri parteċipanti u skortat mill-militar jew mill-pulizija għandu jkun eskluż mill-firxa ta' dan ir-Regolament.

2. It-trasport tal-muniti tal-euro biss li jitwettaq f'isem jew bejn il-Banek Ċentrali jew iz-Zekek tal-Istati Membri parteċipanti u skortat mill-militar jew mill-pulizija jew minn persunal tas-sigurtà privati f'vetturi separati għandu jkun eskluż mill-ambitu ta' dan ir-Regolament.

[11] ĠU L 17, 6.10.1958, pġ.385, kif emendat.

*Artikolu 3 – Il-post tal-tluq, id-dewmien massimu u n-numru ta' kunsinni/ġabriet tal-flus kontanti*

1. Trasport transkonfinali ta' flus kontanti tal-euro pprovdut f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitwettaq fid-dawl tax-xemx.

2. Vettura tas-CIT li twettaq trasport transkonfinali ta' flus kontanti tal-euro għandha tibda l-vjaġġ mill-Istat Membru tal-oriġini tagħha u għandha tirritorna lura fih fl-istess jum.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, it-trasport minn punt sa punt jista' jitwettaq f'perjodu ta' 24 siegħa, sakemm it-trasport bil-lejl tal-flus kontanti jkun diġà permess taħt ir-regoli nazzjonali fl-Istat Membru tal-oriġini, fl-Istat(i) Membru/Membri li jgħaddu minnu(hom) u fl-Istat(i) Membru/Membri ospitanti.

4. Permezz ta' deroga mir-Regolament (KE) Nru 1072/2009, m'għandu jkun hemm l-ebda limitu għall-għadd ta' ġabriet/kunsinni ta' flus kontanti li vettura tas-CIT tista' tieħu f'xi Stat Membru ospitanti jew aktar matul jum.

*Artikolu 4 - Liċenzja trasnkonfinali tas-CIT*

1. Kumpanija li tixtieq twettaq trasport transkonfinali ta' flus kontanti tal-euro għandha tapplika għal liċenzja transkonfinali tas-CIT mingħand l-awtorità li tagħti l-liċenzji tal-Istat Membru tal-oriġini tagħha.

2. Il-liċenzja transkonfinali tas-CIT għandha tingħata għal perjodu ta' ħames snin mill-awtorità nazzjonali li tagħti l-liċenzji, sakemm il-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti:

(a) Il-kumpanija applikanta hija approvata biex twettaq it-trasport tas-CIT fl-Istat Membru tal-oriġini. Jekk l-Istat Membru m'għandux proċedura ta' approvazzjoni speċifika għall-kumpaniji tas-CIT li tmur lil hinn mir-regoli ġenerali għas-setturi tas-sigurtà jew tat-trasport, il-kumpanija għandha tkun tista' tipprovdi evidenza li kellha negozju regolari ta' trasport ta' flus kontanti għal mill-inqas tnax-il xahar fl-Istat Membru tal-oriġini qabel saret l-applikazzjoni mingħajr ksur tal-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti li tirregola tali attivitajiet.

(b) Il-maniġers u l-membri tal-bord tagħha ma jridx ikollhom reati rilevanti fir-rekord kriminali tagħhom u għandhom ikunu ta' riputazzjoni tajba u ta' integrità.

(c) Il-kumpanija applikanta jrid ikollha assigurazzjoni valida fuq ir-responsabilità ċivili.

(d) Il-kumpanija applikanta, il-persunal impjegat, il-vetturi użati u l-proċeduri tas-sigurtà implimentati mill-kumpanija għat-trasport transkonfinali tal-flus kontanti tal-euro għandhom ikunu konformi mar-regoli stabbiliti minn dan ir-Regolament jew, meta espressament imsemmija f'dan ir-Regolament, mal-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ li speċifikament tirrelata mat-trasport tal-flus kontanti.

3. Il-liċenzja transkonfinali tas-CIT għandha titfassal f'konformità mal-mudell u l-karatteristiċi fiżiċi ddefiniti fl-Annessi I-II. Il-persunal tas-CIT f'vetturi involuti fit-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq għandu, f'kull ħin, ikun jista' juri lill-awtoritajiet ta' spezzjoni l-oriġinal jew kopja ċċertifikata ta' liċenzja valida.

4. Il-liċenzja transkonfinali tas-CIT għandha tippermetti li l-kumpanija twettaq it-trasportazzjoni transkonfinali tal-kontnanti tal-euro skont il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. B'deroga mir-Regolament (KE) Nru 1072/2009, id-detentur ta' liċenzja ta' dan it-tip m'għandux ikun mitlub li jippossjedi liċenzja Komunitarja għall-ġarr internazzjonali ta' oġġetti bit-triq.

*Artikolu 5 – Persunal tas-sigurtà tas-CIT*

1. Il-persunal tas-sigurtà tas-CIT għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) Ma jistax ikollu reati rilevanti fir-rekord kriminali tagħhom u għandu jkun ta' riputazzjoni tajba u ta' integrità.

(b) Irid ikollu ċertifikat mediku li jiċċertifika li s-saħħa fiżika u mentali tiegħu hija adegwata għall-kompitu li sejjer iwettaq.

(c) Irid ikun segwa b'suċċess mill-inqas 200 siegħa ta' taħriġ inizjali ad hoc, li ma jinkludux kwalunkwe taħriġ fl-użu tal-armi tan-nar.

Il-kontenut tat-taħriġ inizjali ad hoc għandu mill-inqas jikkorrispondi ma' dak li hu speċifikat fl-Anness VI. Taħriġ regolari f'dawn l-oqsma għandu jkun meħtieġ ukoll mill-inqas darba kull tliet snin.

2. Mill-inqas membru wieħed tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT fil-vettura jrid ikollu ħiliet fil-lingwi mill-inqas tal-livell A1 fil-lingwa(i) rilevanti użata(i) fiż-żoni rilevanti tal-Istat(i) Membru/Membri li jgħaddu minnu(hom) u tal-Istat Membru ospitanti. Barra minn hekk, il-vettura trid tkun f'kuntatt kostanti bir-radju, permezz taċ-ċentru tal-kontroll tal-kumpanija, b'xi ħadd li għandu ħiliet fil-lingwi mill-inqas tal-livell B1 fil-lingwa kkonċernata, biex ikun żgurat li komunikazzjoni effettiva tkun possibbli l-ħin kollu mal-awtoritajiet nazzjonali.

*Artikolu 6 – Ġarr ta' armi*

1. Il-persunal tas-sigurtà tas-CIT għandu jkun konformi mal-leġiżlazzjoni eżistenti fl-Istat Membru tal-oriġini, fl-Istat(i) Membru/Membri li jgħaddu minnu(hom) u fl-Istat(i) Membru/Membri ospitanti fir-rigward tal-ġarr tal-armi u l-kalibru massimu permessibbli.

2. Meta jidħlu fit-territorju ta' Stat Membru li l-leġiżlazzjoni tiegħu ma tippermettix li l-persunal tas-sigurtà tas-CIT ikun armat, kwalunkwe arma fil-pussess tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT għandha titpoġġa f'kaxxa forti fil-vettura li tissodisfa l-istandard

Ewopew EN 1143-1. Tali armi għandhom jibqgħu mhux aċċessibbli għall-persunal tas-sigurtà tas-CIT tul il-vjaġġ kollu fit-territorju ta' dak l-Istat Membru. Huma jistgħu jitneħħew mill-kaxxaforti meta jkunu deħlin fit-territorju ta' Stat Membru li l-leġiżlazzjoni tiegħu tippermetti li l-persunal tas-sigurtà tas-CIT ikun armat u għandhom jitneħħew minnha meta jkunu deħlin fit-territorju ta' Stat Membru li l-leġiżlazzjoni tiegħu teħtieġ li l-persunal tas-sigurtà tas-CIT ikun armat. Il-ftuħ tal-kaxxaforti tal-armi għandu jeħtieġ intervent mill-bogħod miċ-ċentru tal-kontroll tal-vettura u għandu jkun kondizzjonali fuq verifika miċ-ċentru tal-kontroll tal-lokazzjoni ġeografika eżatta tal-vettura.

L-istess obbligi għandhom japplikaw jekk it-tip jew il-kalibru tal-arma mhuwiex permess taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li jkunu għaddew minnu jew tal-Istat Membru ospitanti.

3. Meta vettura tas-CIT, li l-Istat Membru tal-oriġini tagħha ma jippermettix lill-persunal tas-CIT sabiex iġorr l-armi, tidħol fit-territorju ta' Stat Membru li skont il-leġiżlazzjoni tiegħu huwa mandatorju għall-persunal tas-CIT li jġorr l-armi, il-kumpanija tas-CIT għandha tiżgura li l-ekwipaġġ tal-vettura huwa pprovdut bl-armi meħtieġa u li huwa jissodisfa r-rekwiżiti minimi tat-taħriġ tal-Istat Membru ospitanti.

4. Persunal tas-sigurtà tas-CIT armat għandu japplika għal liċenzja tal-armi mingħand l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istat(i) Membru/Membri li jgħaddu minnu/minnhom u/jew tal-Istat Membru ospitanti, meta dawk l-Istati Membri jippermettu li l-persunal tas-sigurtà tas-CIT ikun armat.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu punt ta' kuntatt ċentrali wieħed fejn il-persunal tas-sigurtà tas-CIT ta' Stati Membri oħra jistgħu jissottomettu applikazzjonijiet għal liċenzja nazzjonali tal-armi. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-applikant bir-riżultat tal-applikazzjoni fi żmien 3 xhur mis-sottomissjoni tal-fajl komplut tal-applikazzjoni.

6. Sabiex il-persunal tas-CIT li huma impjegati minn kumpanija stabbilita fi Stat Membru ieħor u għandhom ir-residenza permanenti tagħhom fi Stat Membru ieħor ikunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti nazzjonali għall-ksib ta' liċenzja tal-armi, l-Istati Membri għandhom jipprevedu l-validazzjoni ta' taħriġ ekwivalenti segwit fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit min jimpjega lill-applikant. Jekk dan mhuwiex possibbli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-taħriġ meħtieġ huwa pprovdut fit-territorju tagħhom stess bil-lingwa uffiċjali rilevanti tal-UE tal-Istat Membru fejn huwa stabbilit min jimpjega lill-applikant.

*Artikolu 7 – Tagħmir tal-vettura*

1. Il-vetturi użati għandhom ikunu kollha mgħammra b'sistema ta' navigazzjoni globali. Iċ-ċentru tal-kontroll tal-kumpanija tas-CIT irid ikun kapaċi jillokalizza kontinwament u b'mod preċiż il-vetturi tagħha.

2. Il-vetturi għandhom ikunu mgħammra bl-istrumenti ta' komunikazzjoni xierqa li jippermettu li jsir kuntatt fi kwalunkwe ħin maċ-ċentru tal-kontroll tal-kumpanija li

tħaddem il-vetturi u mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali. In-numri tal-emerġenza għall-kuntatt mal-awtoritajiet tal-pulizija fl-Istati Membri li jgħaddu minnhom jew fl-Istat(i) Membru/Membri ospitanti għandhom ikunu disponibbli fil-vettura.

3. Il-vetturi jridu jkunu mgħammra b'mod li jippermetti r-reġistrazzjoni tal-ħin u l-post tal-kunsinni/ġabriet kollha tal-flus kontanti sabiex ikun possibbli l-kontroll fi kwalunkwe ħin tal-proporzjon tal-kunsinni/ġabriet tal-flus kontanti msemmija fl-Artikolu 1 punt (a).

4. Meta l-vetturi huma mgħammra bl-IBNS, l-IBNS użati għandhom ikunu konformi mal-prinċipji stabbiliti fl-Anness III għal dan ir-Regolament u għandhom ikunu ġew omologati fi Stat Membru parteċipanti. Fi tweġiba għal xi talba għal verifika magħmula mill-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-oriġini, tal-Istat Membru ospitanti jew tal-Istat Membru li jgħaddu minnu, l-intrapriżi li jwettqu trasport transkonfinali ta' fondi f'vetturi li jużaw l-IBNS għandhom ifornu prova bil-miktub tal-approvazzjoni tal-mudell tal-IBNS użat fi żmien 48 siegħa.

*Artikolu 8 – L-irwol tal-forzi tal-pulizija nazzjonali*

Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali li jirrikjedu:

– l-operazzjonijiet ta' trasport ta' flus kontanti għandhom jiġu nnotifikati lill-pulizija bil-quddiem;

– li l-vetturi tas-CIT jkunu mgħammra bi strument li jippermettilhom li jkunu ntraċċati mill-bogħod mill-pulizija;

– trasport ta' valur għoli minn punt sa punt ikun skortat mill-pulizija.

*Artikolu 9 – Regoli biex tkun żgurata s-sigurtà tal-postijiet ta' kunsinna/ġabriet ta' flus kontanti fl-Istat(i) Membru/Membri ospitanti*

Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali li jirregolaw l-imġiba tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT barra mill-vettura tas-CIT kif ukoll is-sigurtà tal-postijiet fejn il-flus kontanti jkunu kkunsinnati u/jew miġbura fl-Istat Membru kkonċernat.

*Artikolu 10 – Tneħħija miċ-ċirkolazzjoni ta' karti tal-flus nnewtralizzati*

Il-kumpaniji tas-CIT li joperaw taħt ir-regoli ta' dan ir-Regolament għandhom ineħħu miċ-ċirkolazzjoni l-karti tal-flus kollha mtebbgħin, suxxettibbli li jkunu mtebbgħin jew innewtralizzati b'xi mod ieħor mill-IBNS li huma jiltaqgħu magħhom waqt it-twettiq tal-attivitajiet tagħhom. Huma għandhom jagħtu dawn il-karti tal-flus lil fergħa tal-bank ċentrali xierqa tal-Istat Membru tal-oriġini tagħhom. Jekk il-karti tal-flus nnewtralizzati jinġabru fi Stat Membru ospitanti, il-bank ċentrali tiegħu għandu jkun infurmat mill-bank ċentrali tal-Istat Membru tal-oriġini tal-kumpanija tas-CIT.

*Artikolu 11 – Informazzjoni reċiproka*

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni r-regoli msemmija fl-Artikoli 8 u 9 kif ukoll l-informazzjoni li fuqha l-IBNS kienu omologati minnhom u għandhom minnufih jinfurmawha rigward kwalunkwe bidla li taffettwa dawn ir-regoli u omologazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dawk ir-regoli kif ukoll lista ta' IBNS omologati huma ppubblikati bil-lingwi uffiċjali tal-UE rilevanti tal-Istati Membri parteċipanti permezz tal-kanali adattati, bil-għan li tinforma b'ħeffa lill-atturi kollha involuti f'attività transkonfinali tas-CIT.

2. L-Istati Membri għandhom iżommu reġistru tal-kumpaniji kollha li lilhom ikkunsinnaw liċenzja transkonfinali tas-CIT u għandhom jinfurmaw lil xulxin rigward il-kontenut tiegħu. Huma għandhom jaġġornaw ir-reġistru bi kwalunkwe bidla li taffettwah, inkluża kwalukwe deċiżjoni li tkun sospiża jew irtirata liċenzja skont l-Artikolu 22 u għandhom jinformaw minnufih lil xulxin dwar l-aġġornament.

3. Meta jimplimenta l-Artikolu 5(1)(a), l-Istat Membru tal-oriġini għandu jqis sewwa l-informazzjoni rigward ir-rekord kriminali, ir-reputazzjoni u l-integrità tal-persunal tas-CIT li hija kkomunikata lilu mill-Istat Membru ospitanti.

4. Stati Membri ġirien għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar ir-rekwiżiti tagħhom ta' taħriġ speċifiku għall-persunal tas-CIT fir-rigward tat-taħriġ inizjali ad hoc imsemmi fl-Artikolu 5(1)(c).

5. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw u jinfurmaw lil xulxin dwar l-indirizzi u dettalji tal-kuntatt oħra tal-punti ta' kuntatt nazzjonali msemmija fl-Artikolu 6 punt (5) u dwar leġiżlazzjoni nazzjonali oħra rilevanti.

6. Fil-każ li Stat Membru jiddeċiedi li jirtira l-liċenzja tal-armi li kien ikkunsinna lil membru tal-persunal tas-CIT ta' kumpanija stabbilita fi Stat Membru ieħor, huwa għandu jinforma b'dan lill-awtorità li tagħti l-liċenzji tal-Istat Membru tal-oriġini.

*Artikolu 12 – Informazzjoni qabel il-bidu ta' trasport transkonfinali*

1. Kumpanija li għandha liċenzja transkonfinali tas-CIT għandha tinforma bi żmien biżżejjed bil-quddiem lill-awtorità li tagħti l-liċenzji dwar l-Istat(i) Membru/Membri li fih(om) sejra twettaq trasport tas-CIT. L-Istat Membru tal-oriġini għandu sussegwentement jinnotifika minnufih lill-Istat(i) Membru/Membri kkonċernat(i) li l-attività transkonfinali sejra tibda.

2. Kumpanija li għandha l-ħsieb li twettaq trasport transkonfinali ta' flus kontanti għandha tipprovdi bil-quddiem lill-awtorità(ajiet) rilevanti indikati mill-Istat(i) Membru/Membri ospitanti bl-ismijiet tal-persuni li jistgħu jwettqu tali trasport fit-territorju(i) tiegħu/tagħhom.

## TAQSIMA 2: REGOLI SPEĊIFIĊI GĦAL KULL TIP TA' TRASPORT

*Artikolu 13 – Trasport ta' karti tal-flus f'vettura mhux korazzata ta' dehra ordinarja mgħammra bl-IBNS*

Kumpaniji li għandhom liċenzja transkonfinali tas-CIT jistgħu jwettqu trasport transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro bit-triq billi jużaw vettura mhux korazzata mgħammra bl-IBNS, sakemm il-kundizzjonijiet li ġejjin huma sodisfatti:

(a) Il-vettura għandha tkun ta' dehra ordinarja.

(b) Għandu jkun hemm mill-inqas żewġ impjegati tas-sigurtà tas-CIT f'kull vettura, li jistgħu ma jilbsux uniformi.

*Artikolu 14 – It-trasport tal-karti tal-flus f'vettura mhux korazzata b'marki ċari li jindikaw li hija mgħammra bl-IBNS*

Kumpaniji li għandhom liċenzja transkonfinali tas-CIT jistgħu jwettqu trasport transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro bit-triq billi jużaw vettura mhux korazzata mgħammra bl-IBNS, sakemm il-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfatti:

(a) Il-vettura għandu jkollha marki ċari ħafna li jindikaw li hija mgħammra bl-IBNS. Il-marki għandhom jikkorrispondu għall-pittogramma murija fl-Anness IV.

(b) Għandu jkun hemm mill-inqas żewġ impjegati tas-sigurtà tas-CIT f'kull vettura.

*Artikolu 15 – It-trasport ta' karti tal-flus f'vettura bil-kabina korazzata mgħammra bl-IBNS*

Kumpaniji li għandhom liċenzja transkonfinali tas-CIT jistgħu jwettqu trasport transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro bit-triq billi jużaw vettura bil-kabina korazzata mgħammra bl-IBNS, sakemm il-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti:

(a) Il-kabina korazzata tal-vettura għandha, bħala minimu, tkun tiflaħ għal sparar minn armi tan-nar tat-tip Kalashnikov, kalibru 7.62 mm.

(b) Il-vettura għandu jkollha marki ċari ħafna li jindikaw li hija mgħammra bl-IBNS. Il-marki għandhom jikkorrispondu għall-pittogramma murija fl-Anness IV.

(c) Il-persunal tas-sigurtà tas-CIT għandu jilbes ġkieket kontra l-balal li jissodisfaw bħala minimu n-norma VPAM klassi 5, NIJ IIIA jew standard ekwivalenti.

(d) Għandu jkun hemm mill-inqas żewġ impjegati tas-sigurtà tas-CIT f'kull vettura.

*Artikolu 16 – It-trasport ta' karti tal-flus f'vettura kompletament korazzata mhux mgħammra bl-IBNS*

Kumpaniji li għandhom liċenzja transkonfinali tas-CIT jistgħu jwettqu trasport transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro bit-triq billi jużaw vettura kompletament

korazzata mhux mgħammra bl-IBNS, sakemm il-kundizzjonijiet li ġejjin huma sodisfatti:

(a) Il-partijiet tal-vettura fejn ikun il-persunal tas-sigurtà tas-CIT għandhom, bħala minimu, ikunu korazzati biex jifilħu għal sparar minn armi tan-nar tat-tip Kalashnikov, kalibru 7.62 mm.

(b) Il-persunal tas-sigurtà tas-CIT għandu jilbes ġkieket kontra l-balal li jissodisfaw bħala minimu n-norma VPAM klassi 5, NIJ IIIA jew standard ekwivalenti.

(c) Għandu jkun hemm mill-inqas tliet impjegati tas-sigurtà tas-CIT f'kull vettura.

*Artikolu 17 – It-trasport ta' karti tal-flus f'vettura kompletament korazzata mgħammra bl-IBNS*

Kumpaniji li għandhom liċenzja transkonfinali tas-CIT jistgħu jwettqu trasport transkonfinali ta' karti tal-flus tal-euro bit-triq billi jużaw vettura kompletament korazzata mgħammra bl-IBNS, taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 15(b), 16(a) u 16(b) ta' dan ir-Regolament.

Għandu jkun hemm mill-inqas żewġ impjegati tas-sigurtà tas-CIT f'kull vettura.

*Artikolu 18 – It-trasport ta' muniti f'vettura mhux korazzata*

Kumpaniji li għandhom liċenzja transkonfinali tas-CIT jistgħu jwettqu trasport transkonfinali ta' muniti tal-euro bit-triq billi jużaw vettura li ġġorr muniti biss, sakemm il-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti:

(a) Il-vettura għandha tkun ta' dehra ordinarja.

(b) Għandu jkun hemm mill-inqas żewġ impjegati tas-sigurtà tas-CIT f'kull vettura u jistgħu ma jilbsux uniformi.

Trasport li jinkludi kemm muniti kif ukoll karti tal-flus għandu jkun kopert mill-Artikoli 13–17, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 20, skont it-tip ta' vettura u tagħmir użati.

*Artikolu 19 – It-trasport ta' muniti f'vettura bil-kabina korazzata*

Kumpaniji li għandhom liċenzja transkonfinali tas-CIT jistgħu jwettqu trasport transkonfinali ta' muniti tal-euro bit-triq billi jużaw vettura li ġġorr muniti biss, sakemm il-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti:

(a) Il-kabina tal-vettura għandha tkun korazzata u l-vettura għandu jkollha marki ċari ħafna li jindikaw li hija qed iġġorr muniti biss. Il-marki għandhom jikkorrispondu għall-pittogramma murija fl-Anness V.

(b) Il-korazzar tal-kabina tal-vettura għandu, bħala minimu, ikun jiflaħ għal sparar minn armi tan-nar tat-tip Kalashnikov, kalibru 7.62 mm.

(c) Il-persunal tas-sigurtà tas-CIT għandu jilbes ġkieket kontra l-balal li jissodisfaw bħala minimu n-norma VPAM klassi 5, NIJ IIIA jew standard ekwivalenti.

(d) Għandu jkun hemm mill-inqas żewġ impjegati tas-sigurtà tas-CIT f'kull vettura.

Trasport li jinkludi kemm muniti kif ukoll karti tal-flus għandu jkun kopert mill-Artikoli 13–17, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 20, skont it-tip ta' vettura u tagħmir użati.

*Artikolu 20 – Derogi nazzjonali*

(a) Stat Membru jista' jiddeċiedi li l-Artikoli 13, 14, 15, 16 jew 17 japplikaw/ma japplikawx għat-trasport transkonfinali ta' karti tal-flus bit-triq imwettaq fit-territorju tiegħu, diment li ma jippermettix modalitajiet tat-trasport komparabbli għat-trasport domestiku tas-CIT u sakemm mill-inqas wieħed minn dawn l-Artikoli japplika fit-territorju tiegħu. Deroga possibbli mill-Artikolu 16 tista' ma tkoprix it-trasport minn punt sa punt.

(b) Stat Membru jista' jiddeċiedi li l-Artikolu 18 jew 19 ma japplikax għat-trasport transkonfinali ta' muniti bit-triq imwettaq fit-territorju tiegħu, sakemm ma jippermettix modalitajiet tat-trasport komparabbli għat-trasport domestiku tas-CIT.

(c) Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 13, 14, 15 u 17, Stat Membru jista' jiddeċiedi li IBNS tarf ma' tarf biss jistgħu jintużaw fit-territorju tiegħu għas-servizz ta' ATMs barra mill-bini, diment li l-istess regoli japplikaw għat-trasport domestiku tas-CIT.

(d) L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu li juża xi waħda mid-derogi ta' hawn fuq f'dan l-Artikolu lill-Kummissjoni, li tiżgura li avviż ta' informazzjoni korrispondenti jkun ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Europea*. Id-deroga għandha tidħol fis-seħħ xahar wara l-pubblikazzjoni tal-avviż ta' informazzjoni. L-Istati Membri jistgħu jirrevokaw deroga billi jużaw l-istess proċedura.

(e) Jekk Stat Membru ospitanti jew Stat Membru li minnu jgħaddu jsib li IBNS turi nuqqasijiet serji fir-rigward tal-karatteristiċi tekniċi normalment meħtieġa, jiġifieri li l-flus kontanti jistgħu jkunu aċċessati mingħajr ma jiskatta l-mekkaniżmu ta' newtralizzazzjoni jew li l-IBNS kienet ġiet immodifikata wara l-omolagazzjoni b'tali mod li m'għadhiex tissodisfa l-kriterji tal-omologazzjoni, huwa għandu jinforma dwar dan lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru li ħareġ l-omologazzjoni u jista' jitlob li jitwettqu testijiet ġodda fuq dik l-IBNS. Sakemm jaslu r-riżultati ta' dawn it-testijiet ġodda, l-Istati Membri jistgħu b'mod provviżorju jipprojbixxu l-użu ta' dik l-IBNS fit-territorju tagħhom. Mingħajr dewmien huma għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħrajn li għalihom japplika dan ir-Regolament.

## TAQSIMA 3: DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 21 – Kontroll*

L-Istati Membri tal-oriġini u l-Istati Membri ospitanti għandhom jiżguraw li r-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu rispettati, inkluż permezz ta' spezzjonijiet b'mod fortuwitu mingħajr notifikazzjoni minn qabel lill-kumpanija. Dawn il-kontrolli għandhom iseħħu mill-inqas darba fis-sena.

*Artikolu 22 – Penali*

1. Meta l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jsibu li kien hemm ksur ta' wieħed mit-termini li taħthom ingħatat liċenzja transkonfinali tas-CIT, l-awtorità li tagħti l-liċenzji għandha tiddeċiedi jekk tibgħatx twissija lill-kumpanija kkonċernata, timponix multa, tissospendix il-liċenzja għal perjodu li jvarja minn ġimagħtejn għal xahrejn jew tirtirax il-liċenzja għal kollox, skont in-natura jew is-serjetà tal-ksur. L-awtorità li tagħti l-liċenzji tista' wkoll tipprojbixxi lill-kumpanija kkonċernata milli tapplika għal liċenzja ġdida għal perjodu li jista' jkun sa 5 snin.

2. L-Istat Membru li jgħaddu minnu jew l-Istat Membru ospitanti għandu jikkomunika kwalunkwe ksur ta' dan ir-Regolament – inkluż ksur tar-regoli nazzjonali msemmija fl-Artikolu 8 u 9 – lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Istat Membru tal-oriġini, li jista' jiddeċiedi fuq penali xierqa. Barra minn hekk, l-Istat Membru li jgħaddu minnu jew l-Istat Membru ospitanti jista' jimponi multa fil-każ ta' ksur tar-regoli nazzjonali msemmija fl-Artikolu 8 u 9 jew tad-derogi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jista' jiddeċiedi li ma jippermettix lill-persunal tas-CIT, li jkun wettaq tali ksur, li jwettaq trasport transkonfinali ta' flus kontanti fit-territorju tiegħu jekk il-ksur jista' jkun imputat lil dan il-persunal.

3. L-Istat Membru li jgħaddu minnu jew l-Istat Membru ospitanti jista' jissospendi d-dritt ta' kumpanija tas-CIT li twettaq trasport ta' flus kontanti tal-euro bit-triq fit-territorju tiegħu għal perjodu massimu ta' xahrejn, sakemm tasal id-deċiżjoni tal-awtorità li tagħti l-liċenzji tal-Istat Membru tal-oriġini, fil-każijiet li ġejjin:

(a) Jekk id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jirrelataw man-numru minimu tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT f'kull vettura jew li jirrelataw mal-armi ma kinux ġew irrispettati.

(b) Jekk il-kumpanija tas-CIT twettaq l-attività ta' trasport tagħha b'mod li jikkostitwixxi periklu għall-ordni pubbliku.

(c) Fil-każ ta' ksur ripetut ta' dan ir-Regolament.

4. Barra minn hekk, l-Istat Membru li ħareġ il-liċenzja tal-armi jista' jiddeċiedi li jissanzjona l-persunal tas-sigurtà tas-CIT skont ir-regoli nazzjonali tiegħu fil-każ ta' ksur tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu dwar l-armi.

5. Is-sanzjonijiet għandhom dejjem ikunu proporzjonati mas-severità tal-ksur.

*Artikolu 23 – Miżuri ta' sigurtà ta' emerġenza*

1. Permezz ta' deroga mir-regola standard, Stat Membru jista' jiddeċiedi li jintroduċi miżuri ta' sigurtà temporanji li jmorru lil hinn minn dawk previsti mir-regoli preżenti fil-każ ta' problema urġenti li taffettwa b'mod sinifikanti s-sigurtà tal-operazzjonijiet tas-CIT. Dawn il-miżuri temporanji għandhom jaffettwaw it-trasport tas-CIT kollu fit-territorju nazzjonali kollu jew parti minnu, għandhom japplikaw għal perjodu massimu ta' erba' ġimgħat u għandhom jiġu nnotifikati minnufih lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-pubblikazzjoni rapida tagħhom permezz tal-kanali x-xierqa.

2. Il-prolongazzjoni tal-miżuri temporanji previsti fil-paragrafu 1 lil hinn mill-perjodu ta' erba' ġimgħat għandha tkun soġġetta għall-awtorizzazzjoni minn qabel mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar jekk tagħtix awtorizzazzjoni fi żmien 72 siegħa mill-wasla ta' tali talba.

*Artikolu 24 – Rimunerazzjoni tal-persunal tas-CIT li jwettaq trasport transkonfinali*

Persunal tas-CIT li jwettaq trasport transkonfinali skont it-tifsira tar-Regolament preżenti għandu jkun iggarantit ir-rati minimi tal-ħlas rilevanti, inklużi r-rati tas-sahra, fl-Istat Membru ospitanti b'analoġija mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(1)(c) tad-Direttiva 96/71/KE. Jekk ir-rati minimi tal-ħlas rilevanti fl-Istat Membru ospitanti huma ogħla mill-pagi mħallsa lill-impjegati fl-Istat Membru tal-oriġini, ir-rati minimi tal-ħlas rilevanti, inklużi r-rati tas-sahra, tal-Istat Membru ospitanti għandhom japplikaw għall-jum kollu tax-xogħol. Jekk matul il-jum it-trasport jitwettaq f'bosta Stati Membri ospitanti u aktar minn wieħed minnhom għandhom ir-rati minimi tal-ħlas ogħla mill-paga mħallsa fl-Istat Membru tal-oriġini, l-ogħla waħda minn dawk ir-rati minimi tal-ħlas, inklużi r-rati tas-sahra, għandha tapplika għall-jum kollu tax-xogħol.

Madankollu, jekk isegwi minn kuntratti regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti kif ukoll arranġamenti prattiċi li ħaddiem tas-CIT sejjer iwettaq trasport transkonfinali għal aktar minn 100 jum tax-xogħol, f'sena kalendarja, li jseħħu kompletament jew parzjalment fi Stat Membru ieħor, it-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg imsemmija fid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/71/KE għandhom jiġu applikati b'mod sħiħ għall-jiem tax-xogħol kollha li twettqu kompletament jew parzjalment f'dan l-Istat Membru ospitanti f'dik is-sena kalendarja.

Bil-għan li jkunu stabbiliti t-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg rilevanti, l-Artikolu 4 tad-Direttiva 96/71/KE għandu japplika b'analoġija.

*Artikolu 25 – Kumitat għat-trasport transkonfinali tal-flus kontanti tal-euro*

1. Għandu jkun stabbilit Kumitat għat-trasport transkonfinali tal-flus kontanti tal-euro. Għandu jkun ippresedut mill-Kummissjoni u jiġbor fih żewġ rappreżentanti mill-Istat

Membru kopert minn dan ir-Regolament, flimkien ma' żewġ rappreżentanti mill-Bank Ċentrali Europew.

2. Il-Kumitat għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena għal skambju ta' fehmiet dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, huwa għandu jikkonsulta mal-partijiet interessati fis-settur, inklużi l-imsieħba soċjali, u jqis il-fehmiet tagħhom kif jixraq. Huwa għandu jkun ikkonsultat fit-tħejjija tar-reviżjoni msemmija fl-Artikolu 26.

*Artikolu 26 – Reviżjoni*

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Europew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tiegħu u, imbagħad, darba kull ħames snin. Għal dan il-għan, hija għandha twettaq konsultazzjoni mal-partijiet interessati fis-settur inklużi l-imsieħba soċjali. Ir-rapport għandu b'mod partikolari jinkludi eżami tal-possibilità li jkunu stabbiliti rekwiżiti komuni tat-taħriġ għall-ġarr tal-armi mill-persunal tas-CIT u jqis sewwa l-progress teknoloġiku fil-qasam tal-IBNS u jevalwa jekk ir-Regolament ikunx jeħtieġ li jiġi rivedut kif jixraq.

*Artikolu 27 – Emendar tar-regoli tekniċi*

Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ddelegati skont l-Artikoli 28, 29 u 30, emendi għar-regoli tekniċi dwar l-istandards applikabbli għall-korazzar tal-vettura, il-kaxxi forti li sejrin jintużaw u l-ġkieket kontra l-balal, flimkien mal-Anness III bil-għan li jitqies il-progress teknoloġiku u standards Ewopej ġodda potenzjali.

*Artikolu 28 – Twettiq tad-delegazzjoni*

1. Is-setgħat biex ikunu adottati l-atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 27 għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perjodu mhux iddeterminat ta' żmien.

2. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Europew u lill-Kunsill.

3. Is-setgħat biex tadotta atti ddelegati jingħataw lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 29 u 30.

*Artikolu 29 – Revoka tad-delegazzjoni tas-setgħat*

1. Id-delegazzjoni tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 27 tista' tkun revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Europew jew mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna biex tiddeċiedi jekk tirrevokax id-delegazzjoni tas-setgħat għandha tinforma lill-istituzzjoni l-oħra u lill-Kummissjoni fi żmien raġonevoli qabel tittieħed l-aħħar deċiżjoni, u għandha tindika s-setgħat iddelegati li jistgħu jkunu soġġetti għal revoka u r-raġunijiet potenzjali għar-revoka.

3. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delegazzjoni tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tibda sseħħ minnufih jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Hija m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati diġà fis-seħħ. Hija għandha tkun ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Europea.

*Artikolu 30 – Oġġezzjoni għall-atti ddelegati*

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għall-att iddelegat fi żmien 3 xhur mid-data tan-notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahar.

2. Jekk, meta jiskadi dak il-perjodu, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att iddelegat, l-att iddelegat għandu jkun ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Europea u għandu jidħol fis-seħħ fid-data indikata fih.

L-att iddelegat jista' jkun ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Europea u għandu jidħol fis-seħħ qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li ma jressqux oġġezzjonijiet.

3. Jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għall-att iddelegat adottat, dan m'għandux jidħol fis-seħħ. L-istituzzjoni li toġġezzjona għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex oġġezzjonat għall-att iddelegat.

*Artikolu 31 – Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ sitt xhur wara l-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Europea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

## ANNESS I
## ELEMENTI TAS-SIGURTÀ TAL-LIĊENZJA TRANSKONFINALI TAS-CIT

Il-liċenzja transkonfinali tas-CIT irid ikollha mill-inqas tnejn mill-elementi tas-sigurtà li ġejjin:

- ologramma,
- fibri speċjali fil-karta li jsiru viżibbli taħt id-dawl UV,
- mill-inqas linja waħda mikrostampata (l-istampar ikun viżibbli biss b'lenti u ma jiġix riprodott minn magni tal-fotokopjar),
- karattri, simboli jew motivi tattili,
- numerazzjoni doppja: numru serjali tal-liċenzja transkonfinali tas-CIT, tal-kopja ċċertifikata tagħha jew iċ-ċertifikazzjoni tas-sewwieq kif ukoll, f'kull każ, in-numru tal-ħarġa,
- sfond b'disinn ta' sigurtà b'motivi guilloche sottili u stampar bil-kuluri tal-qawsalla.

**ANNESS II**
**MUDELL GĦAL LIĊENZJA TRANSKONFINALI TAS-CIT**

UNJONI EUROPEA
(Kulur Pantone roża 176, daqs DIN A4 karta ċellulosa 100g/$m^2$ jew aktar)
(L-ewwel paġna tal-liċenzja)
(It-test f'(waħda) mill-lingwi uffiċjali tal-UE tal-Istat Membru li qed joħroġ il-liċenzja)

Is-sinjal distintiv[12] tal-Istat Membru li qed joħroġ il-liċenzja   Isem l-awtorità li toħroġ il-liċenzja

LIĊENZJA Nru

(jew)

KOPJA VERA ĊĊERTIFIKATA Nru

għat-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq

Din il-liċenzja tintitola lil[13]

.......................................................................................................................

........................................................................................................................................................................

li jkun involut fit-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq fuq kwalunkwe rotta, għal vjaġġi jew partijiet minn vjaġġi mwettqa fit-territorju tal-Unjoni, kif stabbilit fir-Regolament (UE) Nru .../20xx tal-Parlament Europew u tal-Kunsill tal- … dwar it-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru .../20xx dwar l-estensjoni tal-firxa tar-Regolament (UE) tal-Parlament Europew u tal-Kunsill Nru .../20xx u f'konformità mad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' din il-liċenzja.

| | |
|---|---|
| Rimarki partikolari: | ........................................................................................................................................... |
| Din il-liċenzja hija valida għal perjodu ta' ħames snin, minn.................................. | sa..................................................... |
| Maħruġa fi......................................................., | nhar.......................................................................................... |

---

[12] Il-marki distintivi tal-Istat Membri huma: (BE) il-Belġju, (BG) il-Bulgarija, (CZ) ir-Repubblika Ċeka, (DK) id-Danimarka, (DE) il-Ġermanja, (EE) l-Estonja, (IE) l-Irlanda, (EL) il-Greċja, (ES) Spanja, (FR) Franza, (IT) l-Italja, (CY) Ċipru, (LV) il-Latvja, (LT) il-Litwanja, (LU) il-Lussemburgu, (HU) l-Ungerija, (MT) Malta, (NL) l-Olanda, (AT) l-Awstrija, (PL) il-Polonja, (PT) il-Portugall, (RO) ir-Rumanija, (SI) is-Slovenja, (SK) is-Slovakkja, (FI) il-Finlandja, (SE) l-Iżvezja, (UK) ir-Renju Unit.

[13] Isem jew l-isem tan-negozju u l-indirizz sħiħ tat-trasportatur.

[14]....................................................................

[14] Il-firma u t-timbru tal-awtorità li qed toħroġ il-liċenzja.

(It-tieni paġna tal-liċenzja)

(It-test f'(waħda) mill-lingwi uffiċjali tal-UE tal-Istat Membru li qed joħroġ il-liċenzja)

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Din il-liċenzja qed tinħareġ taħt ir-Regolament (UE) Nru.../20xx dwar it-trasport transkonfinali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro.

Hija tintitola lid-detentur li jkun involut fit-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq, kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru…/20xx, fuq kwalunkwe rotta, għal vjaġġi jew partijiet minn vjaġġi mwettqa fit-territorju tal-Istati Membri koperti mir-Regolament (UE) Nru .../20xx u soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'din il-liċenzja.

Il-liċenzja hija personali għad-detentur u mhijiex trasferibbli.

L-oriġinal tal-liċenzja jrid jinżamm mill-intrapriża tat-trasport.

Kopja ċċertifikata tal-liċenzja trid tinżamm fil-vettura tas-CIT.

L-oriġinal jew kopja ċċertifikata tal-liċenzja għandhom jiġu ppreżentati meta jiġu mitlubin minn kwalunkwe uffiċjal awtorizzat li jispezzjona.

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru.../20xx, id-detentur irid jissodisfa l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ fit-territorju ta' kull Stat Membru, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasport u t-traffiku.

## ANNESS III
## SISTEMA INTELLIĠENTI GĦAN-NEWTRALIZZAZZJONI TAL-KARTI TAL-FLUS (IBNS)

### I. Definizzjonijiet u dispożizzjonijiet ġenerali

Għad-definizzjonijiet ta' "Żona sikura", "Post sikur", "Sistema intelliġenti għan-newtralizzazzjoni tal-karti tal-flus (IBNS)" u "IBNS tarf ma' tarf ": ara l-Artikolu 1(l), 1(m), 1(n) u 1(o) ta' dan ir-Regolament, rispettivament.

IBNS jista' jkun fiha karti tal-flus (f'pakketti jew mhux f'pakketti) jew cassette tal-ATM.

IBNS trid tkun ġiet omologata fi Stat Membru taż-żona tal-euro sabiex tintuża għat-trasport transkonfinali ta' flus kontanti tal-euro skont ir-Regolament attwali. L-omologazzjoni trid issir skont l-istandard speċifiku Ewropew eżistenti. Sakemm ma jkunx hemm tali standard, l-omologazzjoni trid issir skont id-dispożizzjonijiet fl-Anness preżenti.

### II. Proċedura tal-approvazzjoni tal-IBNS

a) Sabiex tkun omologata, l-IBNS trid tgħaddi minn diversi testijiet f'laboratorju tat-testijiet li jkun ġie approvat jew irrikonoxxut minn Stat Membru fiż-żona tal-euro.

Dawn it-testijiet iridu jagħmluha possibbli li jkun aċċertat li l-karatteristiċi tekniċi li ġejjin tal-IBNS huma sodisfaċenti:

i) Funzjonijiet ewlenin meħtieġa tas-sistema ta' monitoraġġ

- Biex tissorvelja b'mod permanenti u tirrekordja l-istruzzjonijiet rigward il-kundizzjonijiet għall-aċċess għal, u l-użu tal-IBNS.
- Biex kontinwament tivverifika l-konformità ma' dawn l-istruzzjonijiet u tidentifika sitwazzjonijiet anomali.
- Biex awtomatikament u minnufih tinnewtralizza l-karti tal-flus fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-istruzzjonijiet, id-detezzjoni ta' sitwazzjonijiet anomali jew il-ftuħ ta' kontejner barra l-perjodi taż-żmien u/jew il-postijiet ipprogrammati minn qabel.

ii) Post fejn is-sistema ta' sorveljanza tista' tiġi pprogrammata u l-influwenza tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT fuq kif taħdem l-IBNS

IBNS tista' tkun ipprogrammata f'żona sikurata biss. IBNS tarf ma' tarf tista' tkun ipprogrammata f'post sikur biss.

Il-persunal tas-sigurtà tas-CIT ma jistax ikollu mezz biex jinfluwenza t-tħaddim tal-IBNS barra l-perjodi tal-ħin u/jew il-postijiet ipprogrammati minn qabel. Madankollu, meta jkun hemm sistema ta' dewmien fil-ħin għall-iskattar tan-newtralizzazzjoni, il-persunal tas-sigurtà tas-CIT jista' jerġa' jibda d-dewmien fil-ħin darba.

iii) Il-post minn fejn tista' tinfetaħ l-IBNS (għal sistemi tarf ma' tarf)

L-IBNS tista' tinfetaħ biss fid-destinazzjonijiet ipprogrammati minn qabel.

b) L-IBNS għandha tkun ittestjata mill-ġdid kull ħames snin, anki meta l-approvazzjoni nazzjonali tinħareġ għal perjodu mingħajr limiti. Jekk it-testijiet il-ġodda mhumiex aktar konklussivi, l-omologazzjoni ma tibqax valida għat-trasport transkonfinali taħt dan ir-Regolament.

c) Sabiex tgħaddi mit-testijiet, irid jinkiseb wieħed mir-riżultati li ġejjin:

– meta twettqu t-testijiet, ma kienx possibbli li jinkiseb aċċess għall-karti tal-flus u ma kienx hemm ħsara fl-IBNS, li l-mekkaniżmu tagħha baqa' jaħdem;

– meta twettqu t-testijiet, saret ħsara fl-IBNS iżda ma kienx possibbli li jinkiseb aċċess għall-karti tal-flus mingħajr ma tiskatta s-sistema tan-newtralizzazzjoni.

**III. Proċeduri tal-ittestjar**

Il-metodu użat biex jitwettqu t-testijiet u l-istandards li jistabbilixxu r-riżultat li s-sistema ttestjata trid tissodisfa, huma stabbiliti f'dan l-Anness. Madankollu, jistgħu jsiru aġġustamenti fil-livell nazzjonali sabiex isiru konformi mal-protokolli eżistenti tal-ittestjar segwiti mil-laboratorji f'kull Stat Membru.

a) Test tar-reżistenza tal-IBNS għal xenarji differenti ta' attakk

Mid-diversi testijiet ta' simulazzjoni ta' xenarji ta' attakk, l-Istati Membri huma meħtieġa jwettqu sitta minnhom, waqt li l-oħrajn jistgħu jitwettqu wkoll f'konformità mar-regoli nazzjonali applikabbli.

Għal kull test li jitwettaq, ir-riżultat irid ikun pożittiv skont it-tifsira ta' II(c) ta' hawn fuq.

– testijiet mandatorji:

  – 1 – qtugħ tal-provvista tal-enerġija;

  – 2 – żgass fil-kontenitur;

  – 3 – ftuħ tal-kontenitur b'mezzi distruttivi (mazza kbira);

  – 4 – qtugħ rapidu ('giljottinar');

  – 5 – immersjoni f'likwidu;

  – 6 – espożizzjoni gradwali u immedjata għal temperaturi estremi (sħana u kesħa): pereżempju tkessieħ fin-nitroġenu likwidu u tisħin f'forn imsaħħan minn qabel.

– testijiet irrakkomandati li jistgħu jitwettqu wkoll:

– 7 – reżistenza għall-armi tan-nar (pereżempju bi skratać 12-bore)

– 8 – użu ta' kimiċi;

– 9 – tfigħ mill-għoli;

– 10 – espożizzjoni għal żidiet elettromanjetiċi sinifikanti;

– 11 – espożizzjoni għal żidiet elettrostatiċi sinifikanti.

b) Effikaċja fin-newtralizzazzjoni tal-karti tal-flus

Il-proċessi ta' newtralizzazzjoni użati attwalment huma t-titbigħ, il-qerda kimika u l-qerda piroteknika. Minħabba li jistgħu jseħħu żviluppi teknoloġiċi, il-lista ta' proċessi użati mhijiex kompluta u hija purament indikattiva.

B'segwitu għal kwalunkwe tentattiv ta' aċċess għall-fondi permezz tad-diversi forom ta' attakk, il-karti tal-flus jridu jew jinqerdu jew jittebbgħu. Iridu jitwettqu mill-inqas tliet testijiet.

100 % tal-karti tal-flus jridu jiġu nnewtralizzati b'mod irriversibbli. Barra minn hekk, trid tkun evidenti għal kwalunkwe detentur tal-karti tal-flus li huma kienu ġew soġġetti għan-newtralizzazzjoni.

Mill-inqas 10 % tal-wiċċ taż-żewġ naħat ta' karta tal-flus individwali jrid jittebba' jekk il-karti tal-flus jkunu f'boroż sikuri. Jekk il-karti tal-flus ma jkunux f'boroż sikuri, mill-inqas 20 % tal-wiċċ taż-żewġ naħat ta' karti tal-flus individwali jrid jittebba'. Fir-rigward tas-sistemi ta' qerda, mill-inqas 20 % tal-wiċċ ta' karti tal-flus individwali jrid jinqered fiż-żewġ każijiet.

c) Il-kontenut tat-testijiet rigward ir-reżistenza tal-karti tal-flus għat-tindif – għall-IBNS li jużaw it-titbigħ

Għat-tali 'tindif', iridu jintużaw prodotti differenti jew kombinazzjonijiet ta' prodotti differenti. Iridu jitfasslu xenarji differenti sabiex ikunu varjati t-temperatura u t-tul tal-ħin tat-tindif. Għal dawn it-testijiet tat-tindif għandhom jintużaw żewġ proċeduri:

– it-tindif irid jitwettaq minnufih wara t-titbigħ;

– **u** t-tindif irid jitwettaq 24 siegħa wara t-titbigħ.

Dawn it-testijiet iridu jitwettqu fuq kampjun rappreżentattiv ta' karti tal-flus veri użati fiż-żona tal-euro.

**Wieħed** mir-riżultati li ġejjin irid jinkiseb fi tmiem dawn it-testijiet:

- It-tindif iwassal għall-qerda tal-karti tal-flus.

- It-tindif iħalli linka viżibbli fuq firxa ta' mill-inqas 10 % tal-wiċċ tal-karti tal-flus individwali kollha (test tad-densità tal-linka użata).

- It-tindif iħalli l-kuluri oriġinali tal-karti tal-flus mhux biżżejjed f'posthom.

## IV. Garanziji tas-sikurezza għas-sistemi użati

Is-sustanzi kimiċi rilaxxati mill-IBNS sabiex jinnewtralizzaw il-karti tal-flus jistgħu jkunu soġġetti għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)[15]. Dan ir-Regolament jindirizza r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent tas-sustanzi mmanifatturati, importati jew użati waħedhom, f'taħlita, jew f'oġġett.

Sabiex l-IBNS tkun omologata, il-manifattur għandu jivverifika jekk għandux jirreġistra jew jinnotifika s-sustanzi li hemm fil-prodotti tiegħu jew għandux jikkomunika l-informazzjoni dwar użu sikur lill-klijenti tiegħu. Il-manifattur jista' jkollu wkoll obbligi legali li jirriżultaw mill-inklużjoni ta' dawn is-sustanzi fil-lista kandidata ta' sustanzi ta' tħassib kbir ħafna jew fil-lista ta' sustanzi soġġetti għall-awtorizzazzjoni stipulata f'REACH. Dawn l-obbligi jirreferu mhux biss għas-sustanzi elenkati waħedhom jew f'taħlitiet, iżda wkoll għall-preżenza tagħhom f'oġġetti.

Irid ikun fornut ċertifikat lill-awtorità tal-omologazzjoni tal-Istat Membru mill-manifattur tal-IBNS, li jinkludi r-riżultati ta' din il-verifika u li jindika li s-sustanzi jew l-elementi użati biex tkun żgurata l-qerda jew in-newtralizzazzjoni tal-fondi ma jikkostitwixxux riskju gravi għas-saħħa fil-każ ta' inalazzjoni minn jew kuntatt mal-ġilda tal-persunal tas-sigurtà tas-CIT.

F'dan ir-rigward, iċ-ċertifikat jista' jinkludi analiżi tar-riskji ta' espożizzjoni għall-kimiċi, jiġifieri t-tul ta' żmien massimu permissibbli ta' espożizzjoni għal kwantità li trid tiġi stabbilita.

[15] Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), ĠU L 396, 30.12.2006.

**ANNESS IV**
**PITTOGRAMMI TAL-IBNS**

Pittogramma għal vettura tas-CIT mgħammra bl-IBNS




Pittogramma għal kontenitur tal-karti tal-flus mgħammar bl-IBNS



**ANNESS V**
**PITTOGRAMMA GĦAL VETTURA TAS-CIT LI ĠĠORR B'MOD ESKLUSSIV IL-MUNITI**



## ANNESS VI
## IL-KONTENUT TAT-TAĦRIĠ INIZJALI GĦALL-PERSUNAL TAS-CIT LI JWETTAQ TRASPORT TRANSKONFINALI TA' FLUS KONTANTI

Il-ħaddiema tas-CIT li jieħdu sehem fit-trasport transkonfinali professjonali ta' flus kontanti tal-euro bit-triq bejn l-Istati Membri fiż-żona tal-euro jridu jkunu:

(1) Segwew b'mod sħiħ u lestew mill-inqas it-taħriġ inizjali xieraq kif previst mir-regolamenti nazzjonali ta' referenza tagħhom u/jew il-ftehimiet kollettivi tax-xogħol rilevanti jew – fin-nuqqas ta' dawn – il-korsijiet tat-taħriġ tal-assoċjazzjoni nazzjonali tas-CIT/sigurtà jew interni tal-kumpanija;

(2) Għaddew b'suċċess mill-eżamijiet ta' wara dan it-taħriġ inizjali jew kwalunkwe proċedura mmirata lejn l-ittestjar tar-riżultati tat-tagħlim;

(3) Segwew b'mod sħiħ u lestew il-modulu tat-taħriġ addizzjonali u obbligatorju kif previst f'dan l-Anness li jikkonsisti f'mill-inqas:

- Proċeduri transkonfinali tas-CIT.
- Leġiżlazzjoni Europea dwar is-CIT.
- Leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli li tkopri s-CIT tal-Istat(i) Membru/Membri li jgħaddu minnu(hom) u tal-Istat(i) Membru/Membri fejn jingħata s-servizz.
- Regoli tas-sewqan għas-CIT tal-Istat(i) Membru/Membri li jgħaddu minnu(hom) u tal-Istat(i) Membru/Membri fejn jingħata s-servizz (inkluż id-dritt ta' vetturi tas-CIT li jużaw karreġġjati speċifiċi għas-sewqan).
- Protokolli tas-sigurtà nazzjonali fil-każ ta' attakk fl-Istat(i) Membru/Membri li jgħaddu minnu(hom) u l-Istat(i) Membru/Membri fejn jingħata s-servizz.
- Proċeduri tal-organizzazzjoni u t-tħaddim tat-trasport tas-CIT protett mit-teknoloġija tal-IBNS[16] tal-Istat(i) Membru/Membri li jgħaddu minnu(hom) u tal-Istat(i) Membru/Membri fejn jingħata s-servizz.
- Protokolli, regoli u regolamenti operattivi nazzjonali applikabbli tal-Istat(i) Membru/Membri li jgħaddu minnu(hom) u tal-Istat(i) Membru/Membri fejn jingħata s-servizz.
- Protokolli nazzjonali fil-każ ta' emerġenza tal-Istat(i) Membru/Membri li jgħaddu minnu(hom) u tal-Istat(i) Membru/Membri fejn jingħata s-servizz fil-każ ta' waqfien, aċċidenti tat-triq, u ħsara teknika u mekkanika fi kwalunkwe tagħmir tas-CIT jew tal-vettura.

---

[16] Kif iddefinita fl-Artikolu 1(n) ta' dan ir-Regolament.

- Proċeduri amministrattivi nazzjonali u regoli tal-kumpanija fl-Istat(i) Membru/Membri li jgħaddu minnu(hom) u l-Istat(i) Membru/Membri fejn jingħata s-servizz rigward il-komunikazzjoni mal-punt tal-kontroll eċċ. tal-pajjiżi kollha li jgħaddu minnhom u fejn jingħata s-servizz.

- Informazzjoni u taħriġ rigward il-koperazzjoni u l-protokolli xierqa mal-forzi tal-pulizija nazzjonali, reġjonali u lokali fir-rigward ta' kontrolli mwettqa fuq il-vetturi u l-persunal tas-CIT.

- Leġiżlazzjoni nazzjonali u Ewropea applikabbli u/jew ftehimiet kollettivi applikabbli rigward il-ħin tax-xogħol, in-numru ta' waqfiet meħtieġa għall-mistrieħ, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-pagi applikabbli.

- Leġiżlazzjoni nazzjonali u Ewropea applikabbli u/jew stipulazzjonijiet ta' ftehimiet kollettivi applikabbli rigward il-perjodi tal-mistrieħ tal-persunal tas-CIT – meta meħtieġa, kemm spissi, it-tul tal-ħin ta' kull perjodu ta' mistrieħ, post sikur, komunikazzjoni maċ-ċentri ta' kontroll, eċċ.

- Regoli tas-sigurtà applikabbli għall-kunsinni/ġabriet (post sikur, ġestjoni tar-riskju fuq il-bankina eċċ.).

- Leġiżlazzjoni nazzjonali ta' referenza rigward l-użu tal-armi u l-ħżin tagħhom.

- Metodi ta' sewqan offensiv u difensiv.

- Taħriġ rilevanti dwar l-użu tal-GPS, it-telefown u tagħmir/sistemi tekniċi oħra użati fit-trasport transkonfinali tas-CIT.

- Regolazzjoni tas-saħħa u s-sigurtà nazzjonali fl-Istat(i) Membru/Membri li jgħaddu minnu(hom) u l-Istat(i) Membru/Membri fejn jingħata s-servizz rilevanti għall-ħaddiema li jittrasportaw affarijiet prezzjużi u li jivvjaġġaw b'vetturi kbar bit-triq u protokolli fil-każ ta' korriment jew mard tal-impjegati.

- Taħriġ fl-ewwel għajnuna.

Barra minn hekk, it-taħriġ għandu jinkludi l-punti li ġejjin:

– Miżuri ta' prevenzjoni u ta' rimedju fl-oqsma tal-ġestjoni tal-istress u l-vjolenza minn parti terza.

– Valutazzjoni tar-riskji (fuq il-post tax-xogħol).

– Taħriġ fil-lingwi kif ikun meħtieġ biex jitwettqu r-rekwiżiti tal-lingwa stipulati f'dan ir-Regolament (ara l-Artikolu 5 punt 2).

**ANNESS VII**
**LIVELLI TA' REFERENZA KOMUNI TAL-KUNSILL TAL-EUROPA**

Utent B1: Kapaċi jifhem il-punti ewlenin ta' input standard ċar dwar affarijiet familjari li regolarment jiltaqa' magħhom fuq ix-xogħol, fl-iskola, fil-ħin liberu, eċċ. Kapaċi jiġġestixxi l-maġġoranza tas-sitwazzjonijiet li jistgħu jfiġġu waqt li jivjaġġa f'żona fejn tkun mitkellma l-lingwa. Kapaċi jipproduċi test sempliċi kontinwu dwar suġġetti li huma familjari jew ta' interess personali. Kapaċi jiddeskrivi esperjenzi u avvenimenti, ħolm, tamiet u ambizzjonijiet u fil-qosor jagħti raġunijiet u spjegazzjonijiet dwar opinjonijiet u pjanijiet.

Utent A1: Kapaċi jifhem u juża espressjonijiet familjari ta' kuljum u frażijiet bażiċi ħafna mmirati lejn is-sodisfazzjon ta' ħtiġijiet ta' natura konkreta. Kapaċi jintroduċi ruħu u lill-oħrajn u jistaqsi u jwieġeb mistoqsijiet dwar dettalji personali bħal fejn joqgħod, in-nies li jaf u affarijiet li għandu. Kapaċi jieħu sehem b'mod sempliċi f'interazzjoni dment li l-persuna l-oħra titkellem bil-mod u b'mod ċar u tkun lesta li tgħin.